

Brussell, 4 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8891/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0140(COD)

INDEF 10
COPS 207
POLMIL 97
IND 205
MAP 10

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 237 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 237 final.

Mehmuż: COM(2023) 237 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.5.2023
COM(2023) 237 final

2023/0140 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna mmarkat ir-ritorn drammatiku ta' kunflitt territorjali u gwerra ta' intensità għolja fit-territorju Ewropew. Il-forzi armati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġew imfassla apposta matul dawn l-aħħar deċennji biex iwettqu missjonijiet rapidi, għaż-żamma tal-paċi u/jew għall-infurzar tal-paċi, u l-ippjanar u l-akkwist ta' sistemi ta' difiża tfasslu skont din ir-realtà operazzjonali.

Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) għalhekk tfasslet biex twieġeb primarjament għall-ħtiġijiet limitati tal-Istati Membri, l-aktar skont linji diviżorji nazzjonali, minħabba għexieren ta' snin ta' investiment pubbliku baxx.

F'xenarju bħal dan, il-kumpaniji tad-difiża spiss iffaċċjaw il-ħtieġa li jnaqqsu r-rati ta' produzzjoni sabiex ma jħallux il-linji ta' produzzjoni jegħruqu u jżommu il-persunal imħarreġ, filwaqt li jipproduċu kwantità limitata ta' sistemi ta' difiża għall-klijenti nazzjonali.

Ir-ritorn ta' xenarju ta' kunflitt ta' intensità għolja jreġġa' lura l-kuntest tas-suq deskritt hawn fuq. Kif indikat mill-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investiment fil-Qasam tad-Difiża u t-triq 'il quddiem (JOIN/2022/24 final) in-nuqqas ta' investiment irriżulta kemm f'lakuni fil-kapaċità kif ukoll f'dawk industrijali fl-Unjoni. F'Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Att Ewropew dwar it-Tisħiħ Industrijali tad-Difiża permezz ta' Akkwist Komuni (EDIRPA), bl-għan li tappoġġa l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri fil-fażi tal-akkwist biex jimtlew il-lakuni l-aktar urġenti u kritiċi, speċjalment dawk maħluqa mir-rispons għall-aggressjoni attwali tar-Russja, b'mod kollaborattiv. L-EDIRPA se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-akkwist tad-difiża komuni u, permezz tal-finanzjament assoċjat tal-Unjoni, għat-tisħiħ tal-l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-UE u l-adattament tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni għal bidliet strutturali fis-suq li jirriżultaw miż-żieda fid-domanda minħabba r-ritorn ta' gwerra ta' intensità għolja.

Il-lakuni fil-kapaċità huma diversi, iżda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, hemm ħtieġa urġenti speċifika għal munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, kif ukoll missili kif rikonoxxut mill-Kunsill li qabel fl-20 ta' Marzu 2023 dwar approċċ fuq tliet binarji. Il-Kunsill qabel li b'mod urġenti jikkonsenja munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, lill-Ukrajna u, jekk mitlub, missili u appella lill-Istati Membri biex b'mod konġunt jakkwistaw munizzjon u jekk jintalbu missili, jimlew mill-ġdid l-istokkijiet tagħhom filwaqt li jippermettu l-kontinwazzjoni tal-appoġġ lill-Ukrajna. Peress li l-isforzi konġunti biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrikostitwixxu l-istokkijiet eżawriti tagħhom u biex jappoġġaw lill-Ukrajna jistgħu jkunu effettivi biss jekk in-naħa tal-provvista tal-UE tkun tista' tikkonsenja fil-ħin il-prodotti tad-difiża meħtieġa, il-Kunsill inkariga lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti konkreti biex tappoġġa b'mod urġenti l-irrankar fil-kapaċitajiet tal-manifattura tal-industrija tad-difiża Ewropea, tiżgura l-ktajjen tal-provvista, tiffaċilita proċeduri ta' akkwist effiċjenti, tindirizza n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u tippromwovi l-investimenti, inkluż, fejn xieraq, il-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

It-Task Force għall-Akkwist Konġunt tad-Difiża bdiet l-immappjar tal-kapaċitajiet tal-manifattura tal-industrija tal-UE, inkluż fil-qasam tal-munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, kif ukoll tal-missili ("prodotti rilevanti tad-difiża"). Madankollu, il-kapaċitajiet ta' produzzjoni fis-settur tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni tfasslu għal żmien ta' paċi filwaqt li

l-kumpaniji tad-difiża Ewropej qed jiffaċċjaw żieda fid-domanda fil-qasam tal-prodotti rilevanti tad-difiża, li teħtieġhom jipproduċu aktar u aktar malajr. Din id-diskrepanza bejn ħtieġa urġenti tal-forzi armati u l-kapaċità tal-produzzjoni limitata eżistenti tirriżulta f'inflazzjoni tal-prezzijiet u diffikultà biex jiġu servuti l-klijenti, u turriskja li tiġġenera kwistjoni ta' sigurtà tal-provvista għall-Forzi Armati tal-Istati Membri u għalhekk, potenzjalment tagħmel ħsara lis-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE. Dan ma japplikax biss għall-kuntratturi ewlenin iżda wkoll tul il-katina tal-provvista kollha, li, għall-prodotti tad-difiża rilevanti, hija mifruxa b'mod wiesa' madwar l-Unjoni u hija magħmula minn diversi SMEs u Mid-Caps.

Filwaqt li l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw ordnijiet sodi lill-EDTIB, l-irrankar fl-industrija tad-difiża hija proċess li jeħtieġ żmien u sforzi f'diversi oqsma (riżorsi umani, għodod tal-magni, ġestjoni tal-katina tal-provvista, sigurtà tal-materja prima). Filwaqt li l-ordnijiet tad-ditti mill-Istati Membri huma prekundizzjoni għal kwalunkwe investiment, il-Kummissjoni tista' tintervjeni billi tneħħi r-riskji tal-investimenti industrijali permezz ta' għotjiet u self li jippermettu adattament aktar mgħaġġel għall-bidla strutturali li tkun għaddejja fis-suq u tneħħi l-effetti lembut eżistenti, biex tippermetti lill-industrija tipproduċi iżjed u aktar malajr tul il-katina tal-valur.

Minbarra t-tiħiħ industrijali, huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fl-oqsma rilevanti tal-prodotti tad-difiża, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 114 tat-TFUE. L-ordnijiet tad-ditti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri se jiffaċċjaw bħala ostaklu l-kapaċità limitata eżistenti tal-manifattura, il-materja prima u l-persunal tas-sengħa. Biex tiżgura ż-żieda fil-volum u l-veloċità tal-produzzjoni, il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn il-possibbiltà, bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, li tistieden lill-entitajiet ġuridiċi biex jaċċettaw u jipprijoritizzaw l-ordnijiet għall-produzzjoni jew il-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża. Dan se jiżgura li l-kapaċitajiet ta' produzzjoni eżistenti limitati jintużaw għall-benefiċċju tal-għanijiet politiċi stabbiliti mill-Kunsill. Fuq l-istess linji, is-simplifikazzjoni regolatorja se tippermetti deroga temporanja mir-regolamenti u d-direttiva eżistenti bl-għan li titħaffef il-produzzjoni. L-att jipprevedi b'mod partikolari deroga mid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, biex jippermetti l-possibbiltà li jinfetħu kuntratti qafas nazzjonali għal Stati Membri oħra mingħajr ma tiġi organizzata offerta ġdida fid-dawl tal-urġenza estrema tas-sitwazzjoni u fejn il-flessibbiltajiet offruti mid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mhumiex biżżejjed biex jiżguraw l-interessi tas-sigurtà tal-Istati Membri li jixtiequ jinvolvu ruħhom f'akkwist komuni. Din id-deroga għandha tkun akkumpanjata mill-possibbiltà li kwalunkwe operatur ekonomiku li jissodisfa r-rekwiżiti inizjali tal-ftehimiet qafas jissieħeb fil-ftehim qafas. Il-ftehim qafas għandu jibqa' soġġett għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni.

Bl-istess mod, u sabiex jitħaffu t-trasferimenti intra-UE ta' munizzjon u missili, huma għandhom jitħallew jidderogaw mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/43/KE u ma jkunux soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel.

Sabiex tkun kompetittiva, innovattiva u reżiljenti, kif ukoll biex tkun tista' żżid il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħha, l-EDTIB jeħtieġ li jkollha aċċess kemm għall-finanzjament pubbliku kif ukoll għal dak privat. Meta jiffaċċjaw ħtiġijiet finanzjarji importanti biex iżidu l-

¹ Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-ġħoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76–136).

kapaċitajiet ta' produzzjoni, il-kumpaniji tad-difiża jista' jkollhom bżonn, minbarra l-għotjiet, soluzzjonijiet ta' dejn biex inaqqsu d-distakki bejn il-Ministeri tal-ordnijiet tad-difiża u l-ħtieġa ta' fluss ta' flus. Madankollu, politiki restrittivi ta' self lejn is-settur tal-industrija tad-difiża jfixxlu l-aċċess għall-finanzi għall-kumpaniji tad-difiża fl-UE.

L-impriżi fil-katina tal-valur tal-prodotti tad-difiża rilevanti għandu jkollhom aċċess għall-finanzjament tad-dejn, biex iħaffu l-investimenti meħtieġa biex jiżdedu l-kapaċitajiet tal-manifattura. L-istrument se jkollu l-mira li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-kumpaniji tal-Unjoni fil-qasam tal-munizzjon u l-missili. Ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura b'mod partikolari li daww l-entitajiet ġuridiċi jingħataw l-istess kundizzjonijiet offruti lil entitajiet ġuridiċi oħra, filwaqt li jieħdu r-responsabbiltà ta' kwalunkwe kost addizzjonali li jirriżulta speċifikament għad-difiża. L-Att jipprevedi miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi, kemm b'azzjoni eliġibbli speċifika, kif ukoll taħt Faċilità, il-“Fond tal-Irrankar” li jipproponi soluzzjonijiet, għall-ingranaġġ, it-tneħħija tar-riskju u t-tħaffif tal-investimenti meħtieġa biex jiżdedu l-kapaċitajiet tal-manifattura. Il-Fond tal-Irrankar għandu jiġi implimentat b'għestjoni diretta jew indiretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi faċilità ta' taħlit taħt il-Fond InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab ta' implimentazzjoni tagħha. L-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, il-bini u l-operazzjoni tal-faċilitajiet ta' produzzjoni, it-trasferiment intra-UE ta' inputs kif ukoll il-kwalifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti finali jenħtieġ ukoll li jiġu ttrattati bl-aktar mod rapidu legalment possibbli.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Fl-20 ta' Marzu 2023, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel dwar approċċ fuq tliet binarji biex “jitħaffu l-konsenja u l-akkwist konġunt, bl-għan li jkun hemm miljun ċiklu ta' munizzjon tal-artillerija għall-Ukrajna fi sforz konġunt fit-12-il xahar li ġejjin”. Huwa appella wkoll “lill-Istati Membri biex jakkwistaw b'mod konġunt munizzjon ta' 155 mm u, jekk jintalbu, missili għall-Ukrajna bl-aktar mod rapidu possibbli qabel t-30 ta' Settembru 2023 mill-industrija Ewropea tad-difiża (u n-Norveġja) fi ħdan il-parametri definiti fil-kuntest ta' proġett eżistenti tal-EDA jew permezz ta' proġetti ta' akkwiżizzjoni konġunta komplementari mmexxija minn Stat Membru”. Fl-aħħar nett, stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti konkreti biex tappoġġa b'mod urġenti t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' manifattura tal-industrija tad-difiża Ewropea, tiżgura l-ktajjen tal-provvista, tiffaċilita proċeduri ta' akkwist effiċjenti, tindirizza n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni u tippromwovi l-investimenti, inkluż, fejn xieraq, il-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

Il-Kunsill iddikjara wkoll li “ser jiġu organizzati wkoll laqgħat regolari fil-livell tad-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti mat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża (il-Kummissjoni, is-SEAE, l-EDA), biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet industrijali kif ukoll biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni mill-qrib meħtieġa, speċjalment fir-rigward tal-provvista mill-istokkijiet, il-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet eżistenti u l-proġetti differenti ta' akkwiżizzjoni konġunta, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata tat-tliet binarji differenti”.

Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid li “l-Unjoni Ewropea tinsab b'mod sod u sħiħ mal-Ukrajna u ser tkompli tipprovdi appoġġ politiku, ekonomiku, militari, finanzjarju u umanitarju b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha tieħu sakemm tieħu”. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-“qbil fil-Kunsill biex b'mod urġenti jitwassal munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, lill-Ukrajna u, jekk mitlub, missili, inkluż permezz ta' akkwist konġunt u l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament xieraq inkluż permezz tal-Faċilità Ewropea

għall-Paċi, bl-għan li jiġu pprovduti miljun (1) ċiklu ta' munizzjon tal-artillerija fi sforz konġunt fit-tmax-il xahar li ġejjin”.

L-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon se jkun ukoll komplementari għat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Att dwar l-Akkwist Komuni (EDIRPA) u se jwitti t-triq għall-Programm Ewropew tal-Investment għad-Difiża (EDIP) futur.

L-EDIRPA tinċentiva l-kooperazzjoni fil-fażi tal-akkwist, għall-benefiċċju tal-Istati Membri li normalment jakkwistaw l-aktar oġġetti tad-difiża urġenti u kritiċi, u b'hekk toffri viżibbiltà akbar lill-manifatturi tad-difiża biex tgħinjom jadattaw għall-bidliet strutturali. Il-kriżi attwali tal-provvista fil-qasam tal-munizzjon teħtieġ azzjoni addizzjonali mmirata lejn in-naħa tal-provvista għal prodotti tad-difiża rilevanti. L-att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon għalhekk se jakkumpanja, jinċentiva, iħaffef u jissimplifika ż-żieda meħtieġa għall-prodotti tad-difiża rilevanti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-istrument se jikkomplementa l-inizjattivi kollaborattivi eżistenti tad-difiża tal-UE. Dan se jibni sinerġiji mal-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża u programmi oħra tal-UE, bħall-Fond Ewropew għad-Difiża. L-Istrument se jiġi implimentat ukoll b'konsistenza sħiħa mal-pjan tal-UE tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet (CDP) li jidentifika l-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża fil-livell tal-UE, kif ukoll mar-rieżami annwali koordinat tal-UE dwar id-difiża (CARD), li fost l-oħrajn jidentifika opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni fid-difiża. F'dan il-kuntest, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll attivitajiet rilevanti tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) u ta' sħab oħrajn, meta l-attivitajiet ikunu jaqdu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u ma jeskludu lill-ebda Stat Membru milli jipparteċipa.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons u l-kapaċità tal-EDTIB biex tiżgura d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża rilevanti fl-Unjoni. Għal dan l-għan, ir-regolament jistabbilixxi qafas għall-implimentazzjoni ta' sensiela ta' miżuri speċifiċi u mmirati biex jitħaffef l-aġġustament tal-industrija għall-bidliet strutturali. Dan il-qafas huwa bbażat fuq żewġ (2) pilastru, b'kull wieħed jikkorrispondi għal waħda mill-bażijiet ġuridiċi ta' dan ir-Regolament.

- L-ewwel pilastru huwa magħmul minn miżuri li jappoġġaw it-tisħiħ industrijali tul il-ktajjen tal-provvista relatati mal-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża rilevanti fl-UE u huwa bbażat fuq l-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE).

L-industrija tad-difiża tal-Unjoni involuta fil-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża rilevanti bħalissa qed tiffaċċja żieda f'daqqa fid-domanda u teħtieġ b'mod urġenti li tadatta għal din is-sitwazzjoni ġdida tas-suq. L-appoġġ finanzjarju tal-UE taħt dan il-pilastru se jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) fil-qasam tal-prodotti tad-difiża rilevanti, biex jippermetti l-adattament urġenti tagħha għall-bidla strutturali f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 173(1) tat-TFUE. B'hekk, dan il-pilastru jappoġġa lill-industrija tal-UE biex iżżid il-volum tal-produzzjoni tagħha, tnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-konsenja tagħha u tindirizza l-effetti lembut potenzjali u/jew il-

fatturi li jistgħu jdedmu jew jimpedixxu l-provvista u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża rilevanti.

- F'konformità mal-Artikolu 173(3) tat-TFUE, dan il-pilastru jeskludi kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamentazzjoni tal-Istati Membri. It-tieni pilastru huwa magħmul minn miżuri ta' armonizzazzjoni biex jidentifikaw, jimmappjaw u jimmonitorjaw kontinwament id-disponibbiltà tal-prodotti tad-difiża rilevanti, il-komponenti tagħhom u l-inputs korrispondenti, u miżuri biex jiġu stabbiliti rekwiżiti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà f'waqtha u dejjiema tal-prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni u huwa bbażat fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE.

L-iżgurar tas-sigurtà tat-territorju tal-Unjoni jikkostitwixxi objettiv prevalenti ta' politika pubblika u din is-sigurtà sserraħ ukoll fuq id-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi tad-difiża fi kwantitajiet suffiċjenti. Il-kuntest ġeopolitiku attwali jirriżulta f'żieda sinifikanti fid-domanda għal prodotti tad-difiża rilevanti fl-Unjoni. Din is-sitwazzjoni taffettwa l-funzjonament tas-suq intern għal dawn il-prodotti u tal-komponenti tagħhom u thedded is-sigurtà tal-provvista tagħhom. L-Istati Membri ħadu miżuri jew x'aktarx se jieħdu miżuri biex jikkonservaw l-istokkijiet tagħhom stess ta' dawn il-prodotti u tal-komponenti tagħhom bħala kwistjoni ta' difiża nazzjonali. Madankollu, il-leġislazzjoni nazzjonali diverġenti, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti tad-difiża, it-trasferiment intra-UE ta' prodotti u komponenti relatati kif ukoll l-implimentazzjoni diverġenti tad-dritt tal-Unjoni wrew li saru effetti lembut għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej u ostakli għall-interoperabbiltà. B'riżultat ta' dan, jeħtieġ li tiġi adottata leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, billi jiġu evitati skarsezzi ta' prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jikkonsistu fl-identifikazzjoni ta' "prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista", l-immappjar tal-kapaċitajiet industrijali relatati, l-ordnijiet ikklassifikati bħala prijoritarji, l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri tal-ġħoti ta' permessi jew il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist. Il-kombinazzjoni ta' dawn il-miżuri jenħtieġ li jkollha r-riżultat li tagħmel disponibbli offerta akbar fil-prodotti rilevanti tad-difiża u tal-komponenti tagħhom fl-Istati Membri kollha li huma meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern u jenħtieġ li tikkonverġi wkoll biex tiżgura d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom tal-prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni.

Artikoli oħra tat-TFUE jew ta' kull Artikolu waħdu ma jistgħux jiġġustifikaw iż-żewġ objettivi ta' hawn fuq. L-elementi proposti huma pprovduti f'att wieħed, peress li l-miżuri kollha jikkostitwixxu approċċ koerenti biex tiġi indirizzata, b'modi differenti, il-ħtieġa għat-tiħ tal-ekosistema tad-difiża tal-Unjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-provvediment ta' rispons komprensiv għaż-żieda f'daqqa fid-domanda rilevanti għall-prodotti tad-difiża jeħtieġ azzjoni rapida u kkoordinata fil-livell Ewropew peress li l-ebda Stat Membru ma huwa kapaċi jikseb dan waħdu. L-Istati Membri individwalment ma jistgħux jindirizzaw b'mod effettiv ir-riskju ta' interruzzjonijiet sinifikanti fil-provvista ta' tali prodotti tad-difiża li huma dovuti għall-iskwilibru tal-offerta u d-domanda fis-Suq Intern. Approċċi mhux koordinati jinvolvu r-riskju li l-effett tal-kriżi tal-provvista jitgħawwar billi jitħeġġew effetti ta' spiralizzjoni u esklużjoni tal-prezzijiet għal dawn il-prodotti tad-difiża. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni eżistenti ta' prodotti tad-difiża rilevanti fl-Unjoni, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' provvista tal-Unjoni tant huma estensivi li l-intervent fil-livell tal-Unjoni huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizza tali kwistjonijiet.

Għaldaqstant, hija meħtieġa azzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-oqsma li din il-proposta tindirizza permezz taż-żewġ (2) pilastru tagħha.

- Fir-rigward tal-ewwel pilastru, il-miżuri proposti għandhom l-għan li jaċċelleraw l-investimenti fil-kapaċitajiet tal-manifattura tal-prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni, filwaqt li jinkoraġġixxu r-reżiljenza tal-EDTIB permezz ta' sħubijiet industrijali transfruntiera u l-kollaborazzjoni ta' kumpaniji rilevanti fi sforz konġunt tal-industrija biex jiġi evitat li titgħawwar il-frammentazzjoni tal-ktajjen tal-provvista. L-appoġġ u l-inċentivi finanzjarji jistgħu jitfasslu u jiġu implimentati b'mod adegwat biss fil-livell tal-Unjoni minħabba l-ħtieġa li l-EDTIB tiġi aġġustata għal bidliet strutturali. Huwa importanti li jiġi enfazzat li l-produtturi tad-difiża ta' prodotti tad-difiża rilevanti jkunu mifruxa b'mod wiesa' madwar l-Unjoni u jkunu magħmula minn diversi SMEs u Mid-Caps.
- Fir-rigward tat-tieni pilastru, il-miżuri previsti taħtu, se jservu s-suq intern, isaħħu r-reżiljenza tal-EDTIB, u jiggarrantixxu s-sigurtà tal-provvista. Il-miżuri mmirati lejn l-identifikazzjoni, l-immappjar u l-monitoraġġ kontinwu tad-disponibbiltà tal-prodotti tad-difiża rilevanti, il-komponenti tagħhom u l-inputs korrispondenti fl-Unjoni, se jiżguraw il-ġbir ta' intelligence meħtieġ fil-livell tal-Unjoni u se jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jantiċipaw in-nuqqasijiet li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista ta' tali prodotti tad-difiża. Il-miżuri mmirati lejn l-istabbiliment ta' rekwiżiti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà f'waqtha u dejjiema tal-prodotti tad-difiża rilevanti, se jippermettu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jindirizzaw l-iskarsezzi u l-effetti lembut fil-ktajjen tal-provvista b'mod aktar effettiv milli permezz ta' taħlita ta' miżuri nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika bla preċedent u t-theddida sinifikanti għas-sigurtà tal-Unjoni, hemm ħtieġa ċara ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE. L-approċċ ta' politika propost huwa proporzjonat għall-iskala u l-gravità tal-problemi li ġew identifikati, jiġifieri l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsenja f'waqtha ta' wħud mill-prodotti tad-difiża li huma meħtieġa b'mod urġenti mill-Istati Membri. Il-miżuri stabbiliti fil-proposta ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tagħhom, huma proporzjonati għal dawk l-oġġettivi u jirrispettaw il-limiti ta' intervent possibbli tal-Unjoni skont it-Trattati. Jeħtieġ li dawn jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, inkluż, fil-kuntest tal-limitazzjoni għad-drittijiet fundamentali f'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Kummissjoni tipproponi Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan hu l-aktar strument ġuridiku adegwat għax Regolament biss, bid-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli direttament tiegħu, jista' jipprovi l-grad ta' uniformità meħtieġ biex jitwaqqaf u jitħaddem programm ta' finanzjament tal-Unjoni li jkollu l-għan jipromwovi t-tiħiħ ta' settur industrijali fl-Ewropa u jiżgura s-sigurtà tal-provvista ta' prodotti speċifiċi. Regolament applikabbli direttament jippermetti wkoll li jiġi żgurat li l-miżuri proposti jkunu jistgħu jiġu implimentati fi żmien qasir ħalli jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li huma deskritti fil-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-ebda leġiżlazzjoni eżistenti minn qabel ma tkopri jew tappartjeni għal din l-azzjoni speċifika. Sal-lum, ma kien hemm l-ebda inizjattiva leġiżlattiva oħra tal-Unjoni fil-qasam tad-difiża biex tappoġġa ż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni, tnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-konsenja u tindirizza n-nuqqas tal-provvista. Għalhekk, għal din l-inizjattiva leġiżlattiva ma saru l-ebda evalwazzjoni *ex post* jew kontroll tal-idoneità preċedenti ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba n-natura politikament sensitiva tal-proposta u l-urġenza li titħejja l-proposta sabiex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-koleġiżlaturi, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza li jiżiedu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' prodotti tad-difiża rilevanti u li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tagħhom, din il-proposta mhijiex akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt formali. Tali dokument ma setax jiġi ppreżentat fil-perjodu ta' żmien disponibbli qabel l-adozzjoni tal-proposta. Il-proposta tibbaża fuq it-tagħlimiet meħuda mill-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-analiżi tal-lakuni fl-investment fid-Difiża u t-triq 'il quddiem tat-18 ta' Mejju 2022 u tibni fuq il-ħidma mwettqa fil-qafas tat-Task Force għall-Akkwist Konġunt fil-Qasam tad-Difiża, stabbilita immedjatament wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni tressaq din il-proposta għal Regolament mingħajr ma tinkludi valutazzjoni tal-impatt, sabiex tippermetti l-implimentazzjoni rapida tagħha sa mhux aktar tard mis-26 ta' April 2023. Il-proposta hija limitata fiż-żmien u fiha dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tfassal rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-Istrument mhux mistenni jżid il-piż amministrattiv.

- **Drittijiet fundamentali**

L-iżgurar tas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE huwa objettiv ta' interess ġenerali li jista' jikkontribwixxi għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tagħhom għall-ħajja f'konformità mal-Artikolu 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u għal-libertà u s-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Karta.

Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 16 tal-Karta jipprevedi l-libertà tal-intrapriża u l-Artikolu 17 tal-Karta dwar id-dritt għall-proprjetà.

Xi miżuri tal-pilastru 2 huma meħtieġa biex jindirizzaw interruzzjonijiet serji li jaffettwaw il-provvista ta' prodotti tad-difiża rilevanti fl-Unjoni u jistgħu jillimitaw temporanjament il-libertà ta' intrapriża u l-libertà kuntrattwali, protetti mill-Artikolu 16 u d-dritt għall-proprjetà, protett mill-Artikolu 17 tal-Karta. Kwalunkwe limitazzjoni ta' dawk id-drittijiet f'din il-proposta, f'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, se tkun prevista mid-dritt, tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet, ġenwinament tissodisfa l-objettiv tal-interess pubbliku tas-sigurtà u se tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-obbligu li tiġi żvelata informazzjoni speċifika lill-Kummissjoni, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, jirrispetta l-essenza tal-libertà ta' intrapriża u ma jaffettwahiex b'mod sproporzjonat (l-Artikolu 16 tal-Karta). Kwalunkwe talba għal informazzjoni sservi l-objettiv ta' interess ġenerali tal-Unjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni potenzjali għan-nuqqasijiet li jaffettwaw il-prodotti tad-difiża rilevanti li huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Dawn it-talbiet għal informazzjoni huma xierqa u effikaċi biex jintlaħaq l-objettiv billi tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-kriżi inkwistjoni. Il-Kummissjoni fil-prinċipju titlob biss l-informazzjoni mixtieqa minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi u tista' toħroġ talbiet lil impriżi individwali biss jekk dan ikun meħtieġ ukoll. Peress li l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-provvista mhix disponibbli mod ieħor, ma hemm l-ebda miżura ugwalment effikaċi biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa ħalli dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej ikunu jistgħu jieħdu azzjoni ta' mitigazzjoni. Fid-dawl tal-konsegwenzi ġeopolitiċi u ta' sigurtà serji minħabba skarsezzi ta' prodotti tad-difiża rilevanti u l-importanza rispettiva tal-miżuri ta' mitigazzjoni, it-talbiet għall-informazzjoni huma proporzjonati għall-għan mixtieq. Barra minn hekk, il-limitazzjoni għal-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà huma b'bilanċjati b'salvagwardji xierqa. Kwalunkwe talba għal informazzjoni tista' titnieda biss għal prodotti meħtieġa għall-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża rilevanti u identifikati b'mod speċifiku, mill-Kummissjoni u permezz ta' att ta' implimentazzjoni, bħala prodotti affettwati minn kriżi tal-provvista.

L-obbligu li jiġu aċċettati u pprijoritizzati ordnijiet klassifikati bħala prijorità jirrispetta l-essenza tal-libertà ta' intrapriża u l-libertà kuntrattwali (l-Artikolu 16 tal-Karta) u d-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17 tal-Karta), u mhux se jkollu effett b'mod sproporzjonat. Dan l-obbligu jservi l-objettiv ta' interess ġenerali tal-Unjoni tas-sigurtà billi jindirizza l-interruzzjonijiet rilevanti fil-provvista tal-prodotti tad-difiża. L-obbligu huwa xieraq u effikaċi biex jintlaħaq dan l-objettiv billi jiġi żgurat li r-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod preferenzjali għall-produzzjoni tat-tali prodotti tad-difiża rilevanti. Ma hemm l-ebda miżura ugwalment effikaċi. Fir-rigward ta' prodotti identifikati bħala affettwati minn kriżi tal-provvista li thedded l-objettivi msemmija hawn fuq ta' interess ġenerali u dritt fundamentali, huwa proporzjonat li l-impriżi kkuntrattati fil-kuntest ta' akkwist konġunt ta' Stati Membri jew impriżi li huma involuti fil-katina tal-provvista ta' dawn tal-aħħar jiġu obligati jaċċettaw u jpprijoritizzaw ċerti ordnijiet. Salvagwardji xierqa jiżguraw li kwalunkwe impatt negattiv tal-obbligu ta' prijoritizzazzjoni fuq il-libertà ta' negozju, il-libertà kuntrattwali u d-dritt għall-proprjetà ma jikkostitwixxix ksur ta' dawn id-drittijiet. Kwalunkwe obbligu li jiġu prijoritizzati ċerti ordnijiet jista' jitnieda biss għal prodotti identifikati mill-Kummissjoni u permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont kif ikunu affettwati minn kriżi tal-provvista. L-impriża kkonċernata tista' titlob lill-Kummissjoni tirrieżamina l-ordni klassifikata bħala prijorità jekk ma tkunx tista' twettaq l-ordni jew jekk it-twettiq tal-ordni joħloq piż ekonomiku mhux raġonevoli fuqha u jinvolvi tbatija partikolari. Barra minn hekk, is-soġġett tal-obbligu huwa eżentat minn kwalunkwe responsabbiltà għad-danni għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali li jirriżultaw mill-konformità mal-obbligu. Fl-aħħar nett, dan ir-Regolament se jkun applikabbli biss għal perjodu limitat ta' żmien meħtieġ biex jerġa' jiġi stabbilit il-funzjonament tas-suq intern u l-aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tar-Regolament għall-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2025 għandu jkun ta' EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali.

L-impatt fuq il-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali f'termini ta' baġit meħtieġ u rizzorsi umani huwa spjegat fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva annessa mal-proposta u se jiġi ssodisfat mir-rizzorsi disponibbli tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport tal-evalwazzjoni għall-Istrument u tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mit-30/6/2024. Dan ir-rapport jivvaluta b'mod partikolari l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fil-proposta. Barra minn hekk, filwaqt li tqis ir-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti għal kwalunkwe emenda xierqa għal dan ir-Regolament, b'mod partikolari bil-ħsieb li tkompli tindirizza kwalunkwe riskju persistenti fir-rigward tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114 u 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ttestjat l-industrija Ewropea tad-difiża u s-suq tat-tagħmir u ħarġet fil-beraħ għadd ta' nuqqasijiet. Dawk in-nuqqasijiet jimminaw ħilithom li jissodisfaw bil-mod sigur rikjedenti u f'waqthom il-ħtiġijiet urġenti tagħhom ta' prodotti u sistemi tad-difiża bħal munizzjon u missili, meta titqies ir-rata għolja ta' konsum ta' dawk il-prodotti jew sistemi matul kunflitt ta' intensità għolja.
- (2) Mill-24 ta' Frar 2022 'l hawn, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qed iżidu b'mod kostanti l-isforzi tagħhom biex jgħinu ħalli jissodisfaw il-ħtiġijiet urġenti ta' difiża tal-Ukrajna. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, quddiem instabbiltà dejjem akbar, kompetizzjoni strateġika u theddid għas-sigurtà, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni, li ltaqgħu f'Versailles fil-11 ta' Marzu 2022, iddeċidew li jieħdu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tal-Unjoni nfisha u jieħdu passi deċiżivi ulterjuri lejn it-tiswir tas-sovranià Ewropea. Impenjaw ruħhom li "jsaħħu l-kapaċitajiet Ewropej tad-difiża", ftiehem li jżidu l-infiq fuq id-difiża, iżidu l-kooperazzjoni bi proġetti konġunti u b'akkwist komuni tal-kapaċitajiet tad-difiża, jindirizzaw in-nuqqasijiet, jixprunaw l-innovazzjoni, u jsaħħu u jiżviluppaw l-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Fil-21 ta' Marzu 2022, il-"Boxxla Strateġika għal sigurtà u difiża aktar b'saħħitha tal-Unjoni fid-deċennju li jmiss" ġiet approvata mill-Kunsill, u sussegwentement approvata mill-Kunsill Ewropew fl-24 ta' Marzu 2022. Il-Boxxla Strateġika tenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-infiq fuq id-difiża u li jsir aktar investiment fil-kapaċitajiet, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali.
- (3) Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw Komunikazzjoni Konġunta dwar "L-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investiment fil-Qasam tad-Difiża u t-Triq 'il Quddiem" fit-18 ta' Mejju 2022 li tenfasizza l-eżistenza, fi ħdan l-Unjoni, ta' lakuni finanzjarji, industrijali u ta' kapaċità fil-qasam tad-difiża. F'Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat l-Att Ewropew dwar it-Tisħiħ Industrijali tad-Difiża permezz ta' Akkwist

² ĠU C , , p . .

Komuni (EDIRPA), bl-għan li jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri fil-fażi tal-akkwist biex jimtlew l-aktar lakuni urġenti u kritiċi, speċjalment dawk maħluqa mir-rispons għall-aggressjoni attwali tar-Russja, b'mod kollaborattiv. L-EDIRPA se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-akkwist tad-difiża komuni u, permezz tal-finanzjament assoċjat tal-Unjoni, issaħħaħ il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Unjoni u l-adattament tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni għal bidliet strutturali fis-suq li jirriżultaw minn żieda fid-domanda minħabba sfidi ġodda, bħar-ritorn ta' kunflitt ta' intensità għolja.

- (4) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna u tal-ħtiġijiet urġenti tagħha ta' difiża b'mod partikolari għall-munizzjon, il-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2023 qabel dwar approċċ bi tliet binarji, bl-għan li jipprovdi miljun ċiklu ta' munizzjon tal-artillerija għall-Ukrajna fi sforz konġunt fit-tnax-il xahar li ġejjin. Huwa qabel li b'mod urġenti jikkonsenja munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, lill-Ukrajna u, jekk mitlub, missili minn stokkijiet eżistenti jew il-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet eżistenti. Huwa appella wkoll lill-Istati Membri biex jakkwistaw b'mod konġunt munizzjon u jekk jintalbu missili mill-industrija Ewropea tad-difiża (u n-Norveġja) fil-kuntest ta' proġett eżistenti mmexxi mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) jew permezz ta' proġetti ta' akkwist komplementari mmexxija mill-Istati Membri, sabiex jerġgħu jimlew l-istokkijiet tagħhom filwaqt li jippermettu l-kontinwazzjoni tal-appoġġ lill-Ukrajna. Biex jappoġġa dawn l-isforzi, il-Kunsill qabel li jimmobilizza finanzjament xieraq inkluż permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF). Il-Kunsill inkariga wkoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti konkreti biex tappoġġa b'mod urġenti t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' manifattura tal-industrija tad-difiża Ewropea, tiżgura l-ktajjen tal-provvista, tiffaċilita proċeduri ta' akkwist effiċjenti, tindirizza n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni u tippromwovi l-investimenti, inkluż, fejn xieraq, il-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Dan tal-aħħar huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-Unjoni nfisha jiġu ssodisfati b'mod adegwat f'kull waqt u li l-industrija tad-difiża u s-suq intern tal-Unjoni jkunu adatti għall-bidliet attwali. It-tliet binarji interkonnessi jeħtieġ li jiġu segwiti b'mod parallel u kkoordinat. Se jiġu organizzati wkoll laqgħat regolari fil-livell tad-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti mat-Task Force dwar l-Akkwist Konġunt fil-Qasam tad-Difiża (il-Kummissjoni, is-SEAE, l-EDA) biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet industrijali kif ukoll biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni mill-qrib meħtieġa, ħalli tiġi żgurata implimentazzjoni adegwata tat-tliet binarji.
- (5) Fit-13 ta' April 2023, il-Kunsill adotta miżura ta' assistenza taħt l-EPF b'valur ta' EUR 1 biljun biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni, li tippermetti r-rimborż lill-Istati Membri ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, u possibbilment missili, mogħtija lill-Ukrajna minn stokkijiet eżistenti jew mill-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet eżistenti matul il-perjodu mid-9 ta' Frar sal-31 ta' Mejju 2023. Dwar l-akkwist konġunt, s'issa 24 Stat Membru flimkien man-Norveġja ffirmaw l-Arranġament tal-Proġett tal-EDA għall-akkwist kollaborattiv ta' munizzjon.
- (6) L-isforzi konġunti biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrikostitwixxu l-istokkijiet eżawriti tagħhom u biex jappoġġaw lill-Ukrajna jistgħu jkunu effettivi biss jekk in-naħa tal-provvista tal-Unjoni tkun tista' tikkonsenja fil-ħin il-prodotti tad-difiża meħtieġa. Iżda, bi stokkijiet li qed jonqsu malajr, il-produzzjoni Ewropea kważi b'kapaċità massima mill-ordnijiet tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi terzi, u l-prezzijiet li diġà qed jiżdiedu, huma meħtieġa miżuri addizzjonali ta' politika industrijali tal-Unjoni biex tiġi żgurata żieda rapida fil-kapaċitajiet tal-manifattura.

- (7) Kif enfasizzat mill-ħidma tat-Task Force dwar l-Akkwist Konġunt fil-Qasam tad-Difiża (il-Kummissjoni, is-SEAE, l-EDA) dwar il-koordinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-akkwist fil-qasam tad-difiża fuq terminu ta' żmien qasir ħafna u l-involvement mal-Istati Membri u mal-manifatturi tad-difiża tal-Unjoni biex tappoġġa l-akkwist komuni għar-riforniment tal-istokkijiet, b'mod partikolari fid-dawl tal-appoġġ ipprovdut lill-Ukrajna, l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċitajiet ta' manifattura fil-qasam tal-munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, kif ukoll tal-missili. Madankollu, il-kapaċitajiet ta' produzzjoni fi ħdan is-settur tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni ġew imfassla għal żminijiet differenti mill-isfidi attwali ppreżentati lill-Unjoni. Il-flussi tal-provvista ġew adattati għal domanda aktar modesta, b'livell minimu ta' stokkijiet u fornituri diversifikati globalment biex jitnaqqsu il-kostijiet, u b'hekk is-settur tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni ġie espost għal dipendenzi. B'konsegwenza ta' dan, f'dan il-kuntest, il-kapaċità tal-manifattura attwali u l-ktajjen tal-provvista u tal-valur eżistenti ma jippermettux konsenja sigura u f'waqtha ta' prodotti tad-difiża biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri għar-rekwiżit tas-sigurtà tagħhom u biex ikomplu jiġu appoġġati l-ħtiġijiet tal-Ukrajna, u b'hekk jinħolqu tensjonijiet fis-suq tal-munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, kif ukoll missili, u riskju ta' effett ta' esklużjoni. Għalhekk huwa meħtieġ intervent addizzjonali fil-livell tal-Unjoni.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 173(3) TFUE, il-politika industrijali tal-Unjoni ssegwi l-objettiv li tħaffef l-aġġustament tal-industrija għall-bidliet strutturali. Għalhekk, jidher xieraq li l-industrija tal-Unjoni tiġi appoġġata biex iżżid il-volum tal-produzzjoni tagħha, tnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-konsenja tagħha u tindirizza l-effetti lembut potenzjali u/jew il-fatturi li jistgħu jdewmu jew jimpedixxu l-provvista u l-produzzjoni ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija kif ukoll ta' missili li għall-fini ta' dan ir-Regolament, jitqiesu bħala prodotti rilevanti tad-difiża.
- (9) Jenħtieġ li l-miżuri meħuda fil-livell tal-Unjoni jkollhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) fil-qasam tal-munizzjon u l-missili, biex jippermettu l-adattament urġenti tagħha għall-bidla strutturali.
- (10) Għal dak l-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit strument għall-appoġġ finanzjarju tat-tisħiħ tal-industrija tul il-ktajjen tal-provvista u tal-valur relatati mal-produzzjoni ta' dawn il-prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni (l-“Istrument”).
- (11) L-Istrument se jkun koerenti ma' inizjattivi kollaborattivi eżistenti tal-UE relatati mad-difiża bħal dawk tal-Fond Ewropew għad-Difiża, it-Tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża propost permezz tal-Att dwar l-Akkwist Komuni, kif ukoll il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) u se jiġġenera sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni. L-Istrument hu koerenti għalkollox mal-ambizzjoni tal-Boxxla Strateġika.
- (12) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li japplika għal dan l-Istrument, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.
- (13) F'konformità mal-Artikolu 193(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, tista' tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet, dment li l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li l-azzjoni kellha tinbeda qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li ma tkoprix il-perjodu qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja, għajr f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati. Sabiex tiġi indirizzata s-sejħa tal-Kunsill fl-20 ta' Marzu 2023 biex jitħaffef il-forniment tal-prodotti rilevanti tad-difiża, jenħtieġ li jkun possibbli li fid-deċiżjoni ta' finanzjament jiġu previsti kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet li jkopru perjodu minn din id-data.

- (14) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Istrument, bħala l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda³ (Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020), għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill waqt il-proċedura baġitarja annwali.
- (15) L-Istati Membri jistgħu jitolbu trasferimenti ta' riżorsi allokat lihom taħt ġestjoni kondiviża għall-Istrument, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan jista' jseħħ b'mod partikolari fil-każ li l-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża tiffaċċja fallimenti speċifiċi tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali fit-territorji tal-Istati Membri, notevolment f'żoni vulnerabbli u remoti, u t-tali riżorsi jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-programm mnejn ġew ittrasferiti. Il-possibiltajiet stipulati fl-Artikolu 73(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jistgħu jiġu applikati dment li l-proġett jikkonforma mar-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament u fl-ambitu tal-ERDF u tal-FSE+ kif stabbiliti ir-regolamenti speċifiċi għall-fond. F'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-programmi nazzjonali modifikati sottomessi mill-Istat Membru u li tagħmel osservazzjonijiet fi żmien xahrejn. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistinka biex tikkonkludi l-valutazzjoni tal-programmi nazzjonali modifikati mingħajr dewmien żejjed.
- (16) Meta jipproponu Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza emendati jew ġodda, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipproponu miżuri li jikkontribwixxu wkoll għall-oġġettivi ta' dan l-istrument. Għal dan il-fini, miżuri marbuta ma' proposti sottomessi għal sejħa għal proposti fl-ambitu tal-Istrument, li ngħataw Siġill ta' Eċċellenza skont l-Istrument, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati b'importanza partikolari mill-Istati Membri.
- (17) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95⁶, (Euratom, KE) Nru 2185/96⁷ u (UE) 2017/1939⁸, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru

³ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75).

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 ([ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1](#)).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1](#)).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex ttiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ([ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2](#)).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ([ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1](#)).

ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2018/1046, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni għandha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandha tagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtiegħ lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri parteċipanti f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE u għandha tiżgura li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (18) Pajjiżi terzi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem f'dan l-Istrument fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilit skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-parteċipazzjoni taqgħom fil-programmi tal-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni adottata skont dak il-Ftehim. F'dan ir-Regolament jenħtiegħ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika li tirrikjedi li dawk il-pajjiżi terzi jagħtu d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtiegħa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi taqgħom b'mod komprensiv.
- (19) Minħabba l-ispeċifitajiet tal-industrija tad-difiża, fejn id-domanda tiġi kważi esklużivament mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, li jikkontrollaw ukoll kull akkwiżizzjoni ta' prodotti u teknoloġiji relatati mad-difiża, inkluż l-esportazzjonijiet, il-funzjonament tas-settur tad-difiża ma jimxix mar-regoli konvenzjonali u l-mudelli ta' negozju li jirregolaw swieq aktar tradizzjonali. L-industrija għalhekk ma tinvolvi ruħha f'investimenti industrijali sostanzjali awtofinanzjati iżda taqgħmel dan biss bħala konsegwenza tal-ordnijiet tad-ditti. Filwaqt li l-ordnijiet tad-ditti mill-Istati Membri huma prekundizzjoni għal kwalunkwe investment, il-Kummissjoni tista' tintervjeni billi tneħħi r-riskji tal-investimenti industrijali permezz ta' għotjiet u self li jippermettu adattament aktar mgħaġġel għall-bidla strutturali li tkun għaddejja fis-suk. Fil-kuntest tal-emerġenza attwali, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtiegħ li jkopri sa 60 % tal-kostijiet diretti eliġibbli sabiex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jimplementaw l-azzjonijiet malajr kemm jista' jkun, ineħħu r-riskju tal-investment taqgħom u għalhekk iħaffu d-disponibbiltà tal-prodotti rilevanti tad-difiża.
- (20) Il-partijiet ikkonċernati fis-settur tad-difiża jiffaċċjaw kostijiet indiretti speċifiċi, bħal fir-rigward tas-sigurtà. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi permessa rata fissa ta' 7 % tat-total tal-kostijiet diretti eliġibbli tal-azzjoni.
- (21) Jenħtiegħ li l-Istrument jipprovdi appoġġ finanzjarju, permezz ta' mezzi definiti mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għad-

⁹ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-għieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (, p. 29 [G.U.L. 198.28.7.2017](#)).

disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti rilevanti tad-difiża bħal attivitajiet ta' koordinazzjoni u networking industrijali, aċċess għall-finanzi għal impriżi involuti fil-manifattura ta' prodotti rilevanti tad-difiża, riżerva tal-kapaċitajiet, proċess industrijali ta' rikondizzjonar ta' prodotti skaduti, espansjoni, ottimizzar, modernizzar, aġġornament jew adattament għal skop ġdid ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni eżistenti f'dan il-qasam, kif ukoll taħriġ tal-persunal.

- (22) Billi l-Istrument għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività u l-effiċjenza tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, huma biss l-entitajiet ġuridiċi, kemm jekk pubbliċi jew privati, li huma stabbiliti u li għandhom l-istrutturi ta' ġestjoni eżekuttiva tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati li jkunu eliġibbli għall-appoġġ.
- (23) Entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat li huma kkontrollati minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat jistgħu jipparteċipaw bħala riċevituri dment li jiġu ssodisfati kundizzjonijiet stretti relatati mal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, kif stabbilit fil-qafas tal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), inkluż f'termini tat-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea. Jenħtieġ li l-parteciċipazzjoni ta' dawn l-entitajiet ġuridiċi ma tmurx kontra l-oġġettivi tal-Istrument. F'dak il-kuntest, kontroll jenħtieġ li tinftiehem bħala l-abbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità ġuridika b'mod dirett jew indirett permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar. L-applikanti jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi li għandhom jintużaw fl-azzjoni. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jitqies ukoll it-tħassib tal-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-provvista. Fid-dawl tal-urġenza tas-sitwazzjoni li tirriżulta mill-kriżi eżistenti tal-provvista tal-munizzjon, jenħtieġ li l-Istrument iqis il-ktajjen tal-provvista eżistenti.
- (24) L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tar-riċevituri involuti f'azzjoni appoġġata mill-Istrument jenħtieġ li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat għad-durata kollha tal-azzjoni, u r-riċevituri involuti f'azzjoni jenħtieġ li jkollhom l-istrutturi ta' ġestjoni eżekuttiva tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat. Għaldaqstant, entità ġuridika li tkun stabbilita f'pajjiż mhux assoċjat jew entità ġuridika li tkun stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż terz assoċjat iżda li l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha jkunu f'pajjiż terz mhux assoċjat jenħtieġ li ma tkunx eliġibbli li tkun riċevitur involut f'azzjoni.
- (25) Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE¹⁰, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u f'territorji ekstra-Ewropej (OCTs) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-oġġettivi tal-Istrument u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju ekstra-Ewropew rilevanti jkun marbut.
- (26) Meta tivvaluta l-proposti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-kontribut tagħhom għall-oġġettivi tal-Istrument. Jenħtieġ li l-proposta tiġi vvalutata b'mod partikolari skont il-kontribut tagħhom għaż-żieda, għall-irrankar, għar-riżerva, għall-immodernizzar tal-kapaċitajiet tal-manifattura, kif ukoll għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol relatata. Jenħtieġ li dawn jiġu vvalutati wkoll skont il-kontribut tagħhom għat-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-konsenja tal-prodotti

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

rilevanti tad-difiża, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' riprijoritizzazzjoni tal-ordnijiet, għall-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-effetti lembut tul il-ktajjen tal-provvista tagħhom kif ukoll għall-iżvilupp tar-reżiljenza ta' dawn il-ktajjen tal-provvista permezz tal-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera tal-impriżi, b'mod partikolari, sa punt sinifikanti, l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li joperaw fil-ktajjen tal-provvista kkonċernati.

- (27) Meta tfassal, tagħti u timplimenta l-appoġġ finanzjarju tal-UE, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari li tali miżuri ma jaffettwawx b'mod avvers il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-Suq Intern.
- (28) Barra minn hekk, il-kriżi attwali mhux biss uriet nuqqasijiet fis-settur industrijali tad-difiża tal-UE, iżda ħolqot ukoll sfidi għall-funzjonament tas-suq intern tal-prodotti tad-difiża. Tabilħaqq, il-kuntest ġeopolitiku attwali jinvolvi żieda sinifikanti fid-domanda li taffettwa l-funzjonament tas-suq intern tal-produttjoni u l-bejgħ ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija u ta' missili u tal-komponenti tagħhom fl-Unjoni. Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew x'aktarx jieħdu miżuri biex jippreservaw il-ħażniet tagħhom stess bħala kwistjoni ta' sigurtà nazzjonali, oħrajn qed jiffaċċjaw diffikultajiet ta' aċċess għall-oġġetti meħtieġa għall-manifattura jew l-akkwist ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija u ta' missili. Xi drabi, id-diffikultà li wieħed ikollu aċċess għal materja prima unika jew għal komponent speċifiku tfixkel il-ktajjen tal-produttjonijiet kollha. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu adottati ċerti miżuri li jiżguraw, b'mod koordinat, regoli armonizzati għall-iffaċilitar tas-sigurtà tal-provvista ta' prodotti tad-difiża. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jinkludu l-immappjar tal-ħtiġijiet fl-oġġetti u s-servizzi f'dak is-suq intern, il-possibbiltà li jiġu stabbiliti ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità fil-livell tal-Unjoni meta mill-inqas tliet Stati Membri jiddeċiedu jew beħsiebhom jiddeċiedu li jidħlu għal akkwist komuni ta' prodotti relatati mad-difiża, fejn meħtieġ biex jintlaħaq objettiv ta' interess ġenerali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u aċċellerazzjoni tal-proċeduri tal-ġħoti ta' permessi jew il-faċilitazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE.
- (29) Sabiex jittieħdu l-miżuri meħtieġa u xierqa skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni, abbażi tal-ħidma kooperattiva mas-SEAE u l-EDA fil-kuntest tat-Task Force għall-Akkwist Konġunt fil-Qasam tad-Difiża, tistabbilixxi u żżomm immappjar tal-impriżi stabbiliti fl-Unjoni li joperaw tul il-ktajjen tal-provvista ta' prodotti rilevanti tad-difiża. L-immappjar jenħtieġ li jinkludi b'mod partikolari t-tip u l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti tagħhom, il-kapaċità relatata tal-produttjoni tagħhom, u l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja b'mod regolari l-kapaċità tal-produttjoni u l-ktajjen tal-provvista tal-impriżi identifikati fl-immappjar, f'kooperazzjoni mill-qrib magħhom. Ir-riżultati tal-immappjar u l-monitoraġġ jenħtieġ li jiġu ppreżentati u diskussi mill-Kumitat tal-Programm.
- (30) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal lista, li tidentifika l-prodotti, il-materja prima jew il-komponenti tad-difiża rilevanti tagħhom, li huma affettwati minn tfixkil jew minn tfixkil potenzjali tal-funzjonament tas-Suq Uniku u l-ktajjen tal-provvista tiegħu li jwasslu għal nuqqasijiet sinifikanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna regolarment din il-lista ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista, biex tiffoka biss fuq interruzzjonijiet jew effetti lembut possibbli li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista ta' prodotti rilevanti tad-difiża, kif ukoll tal-materja prima u l-komponenti tagħhom.

- (31) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob li tirċievi l-informazzjoni meħtieġa biex tiżgura d-disponibbiltà f'waqtha ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista mingħand l-operaturi ekonomiċi, li jittrattaw dawn il-prodotti, il-materja prima jew il-komponenti tagħhom, bi qbil mal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. Tali informazzjoni jenħtieġ li tinforma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri xierqa skont dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati interruzzjonijiet jew effetti lembut possibbli li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża kif ukoll tal-materja prima u l-komponenti rilevanti.
- (32) Tali identifikazzjoni, immappjar u mekkaniżmu ta' monitoraġġ kontinwu jenħtieġ li jippermettu analiżi kważi f'ħin reali tal-kapaċità tal-produzzjoni fl-Unjoni, fatturi kritiċi li jħallu impatt fuq is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża, u l-istatus tal-ħażniet. Jenħtieġ li jippermetti wkoll lill-Kummissjoni tfassal miżuri ta' rispons ta' emerġenza għal nuqqasijiet attwali jew antiċipati.
- (33) L-evitar ta' nuqqasijiet ta' prodotti rilevanti tad-difiża huwa essenzjali biex jiġi ppreservat l-oġġettiv ta' interess ġenerali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u jiġġustifika, fejn meħtieġ, interferenzi proporzjonati mad-drittijiet fundamentali tal-impriżi li jipprovdu prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista, bħal-libertà ta' intrapriża f'konformità mal-Artikolu 16 tal-Karta u d-dritt għall-proprietà f'konformità mal-Artikolu 17 tal-Karta, fir-rigward tal-Artikolu 52 tal-Karta. Tali interferenzi jistgħu jiġu ġġustifikati b'mod partikolari meta diversi Stati Membri jkunu għamlu sforzi speċifiċi biex jikkonsolidaw id-domanda permezz ta' akkwist konġunt, u b'hekk jikkontribwixxu għal aktar integrazzjoni u funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern għall-prodotti rilevanti tad-difiża. Wara talba ta' mill-inqas tliet Stati Membri li jikkooperaw għall-akkwist ta' prodotti rilevanti tad-difiża jew mill-inqas Stat Membru wieħed li jakkwista bl-għan li jittrasferixxi l-prodotti rilevanti tad-difiża akkwistati lejn l-Ukrajna, li jiffaċċjaw diffikultajiet serjibix jagħmlu kuntratt jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt, il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-istabbiliment tal-Istat Membru, titlob lill-impriżi jaċċettaw u jipprijoritizzaw l-ordnijiet ta' prodotti rilevanti kritiċi għall-provvista. Sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet fundamentali tal-impenn, dawn it-talbiet jenħtieġ li jsiru biss għal prodotti li jkunu ġew identifikati mill-Kummissjoni f'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Barra minn hekk, għandha tiġi stabbilita proċedura pass pass sabiex l-impriżi jingħataw il-possibbiltà li jesprimu t-tħassib tagħhom fir-rigward tal-azzjoni kkontemplata. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha, bi qbil mal-Istat Membru fejn hija stabbilita, tinforma lill-impriżi kkonċernati bl-intenzjoni tagħha li titlobha taċċetta u tikklassifika l-ewwel ordni kklassifikata bħala prijorità u tipprovdiha l-elementi kollha meħtieġa sabiex tkun tista' tiegħu deċiżjoni informata dwar jekk tistax taċċetta dik it-talba. Meta l-impriża tirrifjuta, il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, u b'kunsiderazzjoni xierqa tan-natura tal-oġġezzjonijiet imqajma mill-impriża, tqis li r-raġunijiet ta' sigurtà jiġġustifikaw l-impożizzjoni, permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, ta' ordni kklassifikata bħala prijorità. Tali deċiżjoni jenħtieġ li tittieħed f'konformità mal-obbligi legali applikabbli kollha tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ. L-ordni kklassifikata bħala prijorità għandha titressaq bi prezz ġust u raġonevoli. L-ordni kklassifikata bħala prijorità jenħtieġ li tiegħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni skont il-liġi privata jew pubblika filwaqt li jenħtieġ li tqis ukoll l-għanijiet leġittimi tal-impriżi u l-kost u l-isforz meħtieġa għal kwalunkwe bidla fis-sekwenza tal-produzzjoni. L-impriżi jistgħu jkunu soġġetti għal penali jekk jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligu għal ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità.

- (34) Sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet fundamentali tal-impriżi, jenħtieġ li dawn jingħataw id-dritt li jitolbu li jinħelsu mill-obbligi tagħhom f'sitwazzjonijiet fejn l-ordni kklassifikata bħala prijorità ma tkunx possibbli li tiġi eżegwita, anki jekk tingħata prijorità, kemm jekk minħabba kapacià insuffiċjenti tal-produzzjoni jew kapacià potenzjali insuffiċjenti tal-produzzjoni, jew minħabba li dan ipoġġi piż ekonomiku mhux raġonevoli u jinvolvi diffikultà partikolari fuq l-impriża.
- (35) Taħt iċ-ċirkostanza eċċezzjonali li impriża li topera tul il-katina tal-provvista ta' prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni tirċievi talba għal ordni kklassifikata bħala prijorità minn pajjiż terz, jenħtieġ li tinforma lill-Kummissjoni b'din it-talba.
- (36) Fid-dawl tal-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għal setturi speċifiċi tad-difiża li jwettqu funzjonijiet vitali għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni, il-konformità mal-obbligu li titwettaq ordni kklassifikata bħala prijorità jenħtieġ li ma tinvolvix responsabbiltà għad-danni lil partijiet terzi għal kwalunkwe ksur tal-obbligi kuntrattwali li jista' jirriżulta mill-bidliet temporanji meħtieġa tal-proċessi operazzjonali tal-manifattur ikkonċernat, dment li l-ksur tal-obbligi kuntrattwali kien meħtieġ għall-konformità mal-prijoritizzazzjoni ordnata. L-impriżi li potenzjalment jaqgħu fl-ambitu ta' ordni klassifikata bħala prijorità jenħtieġ li jantici paw din il-possibbiltà fil-kundizzjonijiet tal-kuntratti kummerċjali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet oħrajn, jenħtieġ li r-responsabbiltà għal prodotti difettużi, kif previst mid-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE¹¹, ma tiġix affettwata minn din l-eżenzjoni ta' responsabbiltà.
- (37) Jenħtieġ li l-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti ma taffettwax b'mod sproporzjonat il-libertà ta' intrapriża u l-libertà ta' kuntratt stabbiliti fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u d-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta. Jenħtieġ li kwalunkwe limitazzjoni ta' dawk id-drittijiet f'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, tiġi prevista mil-liġi, tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertà, u tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, .
- (38) Fid-dawl tal-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, mal-kostruzzjoni u l-operat tal-faċilitajiet mal-produzzjoni, mat-trasferiment intra-UE tal-inputs kif ukoll mal-kwalifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti finali rilevanti jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu.
- (39) Sabiex jiġi segwit l-oġġettiv ġenerali tal-politika pubblika tas-sigurtà, jeħtieġ li l-faċilitajiet ta' produzzjoni relatati mal-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża jiġu stabbiliti malajr kemm jista' jkun, filwaqt li l-piż amministrattiv jinżamm għal minimu. Għal dik ir-raġuni, l-Istati Membri jenħtieġ li jittrattaw applikazzjonijiet relatati mal-ippjanar, mal-kostruzzjoni u mat-tħaddim ta' impjanti u installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża bl-aktar mod rapidu possibbli. Dawn għandhom jingħataw prijorità meta jiġu bbilanċjati l-interessi legali fil-każ individwali.
- (40) Fid-dawl tal-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, u tas-sitwazzjoni ta' emerġenza u l-kuntest eċċezzjonali tal-adozzjoni tiegħu, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

jużaw eżenzjonijiet relatati mad-difiża skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk iqisu li tali applikazzjoni jkollha effett avvers fuq dawk il-finijiet. Dan jista' japplika b'mod partikolari għall-liġi tal-Unjoni dwar kwistjonijiet ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza,¹² li huwa indispensabbli biex tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, kif ukoll biex jinkiseb żvilupp sostenibbli u sikur. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom tista' tipproduċi wkoll ostakli regolatorji li jxekklu l-potenzjal tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni li żżid il-produzzjoni u l-konsenji ta' prodotti rilevanti tad-difiża. Hija responsabbiltà kollettiva għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li jeżaminaw b'mod urġenti kwalunkwe azzjoni li tista' tiegħu biex ittaffi l-ostakli possibbli. Kwalunkwe azzjoni bħal din, kemm fil-livell tal-Unjoni, reġjonali jew nazzjonali, ma għandhiex tikkomprometti t-tassib ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza.

- (41) Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tal-ktajjen tal-provvista eżistenti, u b'hekk tiġi żgurata l-kontinwità tal-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw il-possibbiltà li jirrikorru jew jinkoraġġixxu lill-kumpaniji kkonċernati biex jirrikorru għad-derogi previsti mid-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet nazzjonali biex jintużaw dawn id-derogi, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu.
- (42) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ għandha l-għan li tarmonizza l-proċeduri ta' akkwist għall-ġhoti ta' kuntratti pubbliċi fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà li jippermetti li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Istati Membri u l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat. Dik id-Direttiva tipprevedi b'mod partikolari dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw sitwazzjonijiet ta' urġenza li jirriżultaw minn kriżi, notevolment perjodi mqassra għall-wasla ta' offerti u l-possibbiltà li tintuża l-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt. Madankollu, l-urġenza estrema kkawżata mill-kriżi attwali tal-provvista tal-munizzjon tista' tkun inkompatibbli anki ma' dawk id-dispożizzjonijiet f'każijiet fejn aktar minn żewġ Stati Membri jkollhom l-intenzjoni li jidħlu għal akkwist komuni. F'xi każijiet, l-unika soluzzjoni biex jiġu żgurati l-interessi tas-sigurtà ta' dawk l-Istati Membri hija li jinfetaħ ftehim qafas eżistenti għall-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tal-Istati Membri li oriġinarjament ma kinux parti għalih, minkejja li dik il-possibbiltà ma kinitx prevista fil-ftehim qafas inizjali.
- (43) F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-modifiki għal kuntratt għandhom ikunu strettament limitati għal dak li huwa assolutament meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, filwaqt li jikkonformaw kemm jista' jkun mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, trasparenza u proporzjonalità. F'dan ir-rigward, għandu jkun possibbli li ssir deroga mid-Direttiva 2009/81/KE billi jizjeddu l-kwantitajiet previsti fil-Ftehim Qafas filwaqt li dan jinfetaħ għall-awtoritajiet/entitajiet kontraenti ta' Stati Membri oħra. Dawn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jenħtieġ li

¹² Pereżempju, ir-Regolament REACH, ir-Regolament CLP, id-Direttiva Seveso, id-Direttiva RoHS, ir-Regolament dwar il-POPs, il-BPR, ir-Regolament dwar l-Ożonu u r-regolament dwar il-gassijiet fluworurati.

¹³ Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

¹⁴ Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-ġhoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76–136).

ġgawdu mill-istess kundizzjonijiet bħall-awtorità kontraenti oriġinali li kkonkludiet il-ftehim qafas oriġinali għal dawk il-kwantitajiet addizzjonali. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kontraenti jenħtieġ li tippermetti wkoll lil kwalunkwe operatur ekonomiku li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-ftehim qafas oriġinali li jsir kuntrattur skont dak il-ftehim qafas. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa ta' trasparenza biex jiġi żgurat li l-partijiet potenzjalment interessati kollha jkunu jistgħu jiġu infurmati. Sabiex jiġu limitati l-effetti ta' dawn il-modifiki fuq il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u sabiex jiġu evitati distorsjonijiet sproporzjonati tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-modifiki tal-ftehimiet qafas jiġu konklużi biss sat-30 ta' Ġunju 2025.

- (44) Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ għandha l-għan li tissimplifika t-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża, b'mod partikolari permezz ta' Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment li jiddependu fuq verifika ex post, ikopru firxa predeterminata ta' prodotti lil riċevituri speċifikati jew għal skop speċifiku, u li għalihom ma tkun meħtieġa l-ebda talba minn qabel. Madankollu, l-ebda waħda mil-Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment obligatorji previsti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/43/KE jew fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-liċenzji u l-kundizzjonijiet għalihom ma hija biżżejjed biex tiżgura li t-trasferimenti meħtieġa għall-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża.
- (45) Fil-kuntest attwali li jimponi li jiġihaffef iż-żmien meħtieġ għall-konsenja tul il-ktajjen tal-provvista u tal-valur ikkonċernati, jidher li huwa meħtieġ li t-trasferiment ta' prodotti tad-difiża rilevanti jiġi eżentat mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel fl-Unjoni. Jenħtieġ li din l-eżenzjoni ma taffettwax id-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.
- (46) Sabiex tkun kompetittiva, innovattiva u reżiljenti, kif ukoll biex tkun tista' żżid il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħha, l-EDTIB jeħtieġ li jkollha aċċess kemm għall-finanzjament pubbliku kif ukoll għal dak privat. Kif previst fil-“kontribut tal-Kummissjoni għad-difiża Ewropea” tal-15 ta' Frar 2022, l-inizjattivi tal-Unjoni dwar il-finanzi sostenibbli huma konsistenti mal-isforzi tal-Unjoni biex tiffaċilita l-aċċess suffiċjenti tal-industrija tad-difiża Ewropea għall-finanzjament u l-investiment. F'dak il-kuntest, il-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE ma jipprevjenix l-investiment f'attivitajiet relatati mad-difiża. L-industrija tad-difiża tal-Unjoni hija kontributor kruċjali għar-reżiljenza, is-sigurtà tal-Unjoni, u għalhekk għall-paċi u s-sostenibbiltà soċjali. Fi ħdan l-inizjattivi tal-Unjoni dwar politiki ta' finanzjament sostenibbli, armi kontroversjali soġġetti għal konvenzjonijiet internazzjonali li jipprojbixxu l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-ħażna, l-użu, it-trasferiment u l-konsenja tagħhom, u ffirmati mill-Istati Membri tal-Unjoni, jitqiesu inkompatibbli mas-sostenibbiltà soċjali. Is-settur huwa soġġett għal skrutinju regolatorju mill-qrib implimentat mill-Istati Membri għat-trasferiment u l-esportazzjoni ta' oġġetti militari u b'użu doppju. F'din il-perspettiva, l-impenn tal-atturi finanzjarji nazzjonali u Ewropej — bħall-Banek u l-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali — biex jappoġġaw l-industrija Ewropea tad-difiża, jibgħat sinjal qawwi lis-settur privat. Filwaqt li jsegwi bis-sħiħ il-missjonijiet l-oħra tiegħu ta' żvilupp ekonomiku u ta' finanzjament tal-politika pubblika, inkluż it-tranżizzjoni doppja u f'konformità mal-Artikolu 309 tat-TFUE kif ukoll mal-istatut tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jenħtieġ li jsaħħaħ l-appoġġ tiegħu għall-industrija

¹⁵ Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1–36).

tad-difiża Ewropea u l-akkwist konġunt lil hinn mill-appoġġ kontinwu tiegħu għall-użu doppju, f'każijiet fejn investimenti bħal dawn iservu b'mod ċar biex jiġu implimentati l-prijoritajiet tal-Boxxla Strateġika.

- (47) L-impriżi fil-katina tal-valur tal-prodotti tad-difiża rilevanti jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-finanzjament tad-dejn, biex iħaffu l-investimenti meħtieġa biex jizdedu l-kapaċitajiet tal-manifattura. L-istrument għandu jiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-kumpaniji tal-Unjoni fil-qasam tal-munizzjon u l-missili. Ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura notevolment li daww l-entitajiet ġuridiċi jingħataw l-istess kundizzjonijiet offruti lil entitajiet ġuridiċi oħra, filwaqt li jieħdu l-inkarigu ta' kwalunkwe kost addizzjonali li jirriżulta speċifikament għas-settur tad-difiża.
- (48) Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi faċilità ddedikata bħala parti mill-attivitajiet ta' faċilitazzjoni tal-investment deskritti kollettivament bħala l-“Fond tal-Irrankar”. Il-Fond tal-Irrankar jista' jiġi implimentat f'għestjoni diretta jew indiretta. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tesplora f'dak ir-rigward l-aktar mod xieraq għall-ingranaġġ tal-baġit tal-UE biex jinfetħu l-investment pubbliku u privat b'appoġġ għall-irrankar rapidu mfittex, pereżempju permezz tal-possibbiltà ta' faċilità ta' taħlit, inkluż fl-ambitu tal-Fond InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab ta' implimentazzjoni tiegħu. L-attivitajiet tal-“Fond tal-Irrankar” jenħtieġ li jappoġġaw iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-manifattura fiż-żona tal-munizzjon u l-missili billi jipprovdu opportunitajiet għal disponibbiltà akbar ta' fondi lill-kumpaniji tul il-katina tal-valur.
- (49) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma u tal-lista ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista, għall-ħruġ tal-obbligi għall-impriżi kkonċernati minn talba għal ordni kklassifikata bħala prijorità biex jaċċettaw jew iwettqu dik l-ordni bi prezz ġust u raġonevoli u għall-istabbiliment tal-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-funzjonament tal-ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-adozzjoni tal-lista ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista, għall-ħruġ tal-obbligi għall-impriżi kkonċernati minn talba għal ordni ikklassifikata bħala prijorità biex jaċċettaw jew iwettqu dik l-ordni bi prezz ġust u raġonevoli u għall-istabbiliment tal-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-funzjonament ta' ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità, meta raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan.
- (50) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri r-rispons għall-impatt tal-kriżi tas-sigurtà ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat- Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (“TUE”). F'konformità mal-prinċipju

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30–89).

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

tal-proporzjonalità, kif imsemmi f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-oġġettiv.

- (51) Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101 sa 109 TFUE u r-regolamenti ta' implimentazzjoni tagħhom.
- (52) Ta' min wieħed jiftakarli skont l-Artikolu 41(2) TUE, in-nefqa operazzjonali li tirriżulta mill-Kapitolu 2 tat-Titolu V għandha titħallas mill-baġit tal-Unjoni, ħlief għal tali nefqa li tirriżulta minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.
- (53) Fid-dawl tal-urġenza li tiġi indirizzata l-kriżi tas-sigurtà, huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, meħmuż mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Meta jitqies il-periklu imminenti għas-sigurtà tal-provvista li rriżulta mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
- (54) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁸, jenħtieġ li r-Regolament jiġi evalwat fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll regolamentazzjoni żejda. Fejn xieraq, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tal-effetti tar-Regolament fil-prattika. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024, inkluż bil-ħsieb li tippreżenta proposti għal kwalunkwe emenda xierqa għal dan ir-Regolament.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sett ta' miżuri u jstipula baġit bil-mira li jsaħħaħ b'mod urġenti r-rispons u l-kapaċità tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija kif ukoll missili ("prodott rilevanti tad-difiża"), b'mod partikolari permezz ta' dan li ġej:

- (a) strument li jappoġġa finanzjarjament it-tisħiħ industrijali għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni, inkluż permezz tal-provvista tal-komponenti tagħhom ("l-Istrument");

¹⁸ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

- (b) l-identifikazzjoni, l-immappjar u l-monitoraġġ kontinwu tad-disponibbiltà tal-prodotti rilevanti tad-difiża, tal-komponenti tagħhom u tal-inputs korrispondenti (materja prima);
- (c) l-istabbiliment ta' mekkaniżmi, prinċipji u regoli temporanji biex tiġi żgurata d-disponibbiltà f'waqtha u dejjiema tal-prodotti rilevanti tad-difiża għall-akkwirenti tagħhom fl-Unjoni.

Abbażi ta' evalwazzjoni, skont l-Artikolu 28 hawn taħt, tar-riżultati miksuba bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sa nofs l-2024, b'mod partikolari fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-kuntest tas-sigurtà, se titqies l-opportunità tal-estensjoni tal-applikabbiltà tas-sett ta' miżuri u tal-allokkazzjoni tal-baġit addizzjonali korrispondenti.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “materja prima” tfisser il-materjali meħtieġa biex jiġu prodotti il-prodotti rilevanti tad-difiża;
- (2) “effett lembut” tfisser punt ta' konġestjoni f'sistema ta' produzzjoni li jwaqqaf jew inaqas b'mod sever il-produzzjoni;
- (3) “riċevitur” tfisser entità li magħha jkun ġie ffirmat ftehim ta' għoti ta' fondi jew ta' finanzjament jew li tkun ġiet notifikata b'deċiżjoni ta' għoti ta' fondi jew finanzjament;
- (4) “applikant” tfisser persuna fiżika jew entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha li tkun issottomettiet applikazzjoni f'proċedura ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet;
- (5) “kontroll” tfisser il-kapaċità li teżerċita influwenza deċiżiva fuq entità ġuridika, direttament jew indirettament, permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar;
- (6) “struttura manijerjali eżekuttiva” tfisser korp ta' entità ġuridika maħtur f'konformità mad-dritt nazzjonali u li, meta applikabbli, jirrapporta għall-uffiċjal kap eżekuttiv, li għandu s-setgħa jstabbilixxi l-istrateġija, l-oġġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità ġuridika, u li jissorvelja u jwettaq monitoraġġ tat-teħid tad-deċiżjonijiet manijerjali;
- (7) “entità” tfisser persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali jew id-dritt internazzjonali, li jkollha personalità ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 197(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;
- (8) “informazzjoni klassifikata” tfisser informazzjoni jew materjal, fi kwalunkwe forma, li l-iżvelar mhux awtorizzat tiegħu jista' jikkawża livelli differenti ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri, u li jkollha marka ta' klassifikazzjoni tal-UE jew marka ta' klassifikazzjoni korrispondenti, kif stabbilit fil-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea;
- (9) “informazzjoni sensitiva” tfisser informazzjoni u *data* li trid tiġi protetta minn aċċess jew żvelar mhux awtorizzat minħabba obbligi stipulati fid-dritt tal-Unjoni jew

dak nazzjonali jew sabiex titħares il-privatezza jew is-sigurtà ta' persuna fiżika jew ġuridika;

- (10) “entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat” tfisser entità ġuridika stabbilita f'pajjiż terz mhux assoċjat jew, meta tkun stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat, li jkollha l-istrutturi manġerjali eżekuttivi tagħha f'pajjiż terz mhux assoċjat;
- (11) “żmien meħtieġ għall-produzzjoni” tfisser il-perjodu ta' żmien bejn meta ssir ordni ta' xiri u l-manifattur ilesti l-ordni;
- (12) “prodotti rilevanti tad-difiża” tfisser munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija kif ukoll missili;
- (13) “prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista” tfisser prodotti rilevanti tad-difiża jew komponenti ewlenin jew il-materja prima tagħhom li jkunu ġew identifikati bħala li huma affettwati serjament minn tfixkil jew tfixkil potenzjali tal-funzjonament tas-Suq Uniku u l-ktajjen tal-provvista tiegħu li jirriżultaw fi skarsezzi sinifikanti reali jew potenzjali.
- (14) “operazzjoni ta' taħlit” tfisser azzjoni sostnuta mill-baġit tal-Unjoni, inkluż f'faċilità jew pjattaforma ta' taħlit kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju, li tikkombina forom mhux rimborżabbli ta' appoġġ jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni ma' forom rimborżabbli ta' appoġġ mingħand istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħra, kif ukoll mingħand istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali u investituri;
- (15) “Siġill ta' Eċċellenza” tfisser tikketta ta' kwalità li turi li proposta ppreżentata wara sejħa għall-proposti skont l-Istrument tkun għaddiet il-livelli limitu kollha ta' evalwazzjoni stabbiliti fil-programm ta' ħidma, imma ma setgħetx tiġi ffinanzjata minħabba nuqqas ta' baġit disponibbli għal dik is-sejħa għall-proposti fil-programm ta' ħidma, u tista' tirċievi appoġġ minn sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jew nazzjonali;

Artikolu 3

Pajjiżi terzi assoċjati fl-Istrument

L-Istrument għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (pajjiżi assoċjati), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

KAPITOLU II L-ISTRUMENT

Artikolu 4

Objettivi tal-Istrument

1. L-objettiv tal-Istrument huwa li jrawwem l-effiċjenza u l-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) biex jappoġġa l-irrankar tal-kapaċità tal-produzzjoni u l-konsenja f'waqtha tal-prodotti rilevanti tad-difiża permezz tat-tiżiħ industrijali.
2. It-tiżiħ industrijali għandu jikkonsisti b'mod partikolari fit-tnedija u t-tħaffif tal-aġġustament tal-industrija għall-bidliet strutturali rapidi imposti mill-kriżi tal-

provvista li jaffettwaw il-prodotti rilevanti tad-difiża. Dan għandu jinkludi t-titjib u l-aċċellerazzjoni tal-kapaċità ta' adattament tal-ktajjen tal-provvista għall-prodotti rilevanti tad-difiża, il-ħolqien ta' kapaċitajiet ta' manifattura jew l-irrankar tagħhom, u tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni tagħhom għall-prodotti rilevanti tad-difiża fl-Unjoni kollha b'mod partikolari bis-saħħa tal-intensifikazzjoni u t-twessigħ tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-entitajiet ġuridiċi rilevanti.

Artikolu 5

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-perjodu mid-dħul fis-seħħ tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2025 għandu jkun EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali.
2. Fi ħdan il-pakkett finanzjarju definit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sa EUR 50 miljun jistgħu jintużaw bħala operazzjoni ta' taħlit fil-qafas tal-“Fond tal-Irrankar” definit fl-Artikolu 21.
3. Ir-riżorsi allokatu għall-Istati Membri b'għestjoni kondiviża, fuq talba tagħhom, jistgħu jiġu trasferiti għall-Istrument soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Meta l-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali b'għestjoni diretta jew indiretta għar-riżorsi trasferiti f'konformità ma' dan il-paragrafu, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġu trasferiti lura għall-Fond li minnu jkunu ġew trasferiti inizjalment u allokatu għal programm wieħed jew aktar f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060.
4. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' wkoll jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Istrument, bħal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.
5. L-impenji baġitarji għall-attivitajiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqas fuq bosta snin f'pagamenti akkont annwali.
6. Il-baġit tal-Istrument jista' jissaħħaħ, meta s-sitwazzjoni teħtieġ dan jew f'każ li r-Regolament jiġi estiż, f'konformità mal-Artikolu 1, l-aħħar paragrafu.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159-706).

²⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1-222).

Artikolu 6

Finanzjament kumulattiv u alternattiv

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm tal-Unjoni ieħor tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni skont l-Istrument, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi *pro-rata* f'konformità mad-dokumenti li jstabilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Sabiex jingħataw Siġill ta' Eċċellenza fil-qafas tal-Istrument, l-azzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti taħt l-Istrument;
 - (b) ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' dik is-sejħa għal proposti;
 - (c) ma jkunux iffinanzjati fil-qafas ta' dik is-sejħa għal proposti minħabba limitazzjonijiet baġitarji.
3. Meta jipproponu Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza emendati jew ġodda, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jinkludu miżuri li jikkontribwixxu wkoll għall-oġġettivi ta' dan l-Istrument, b'mod partikolari miżuri marbuta ma' proposti sottomessi għal sejħa għal proposti skont l-Istrument li jkunu ngħataw Siġill ta' Eċċellenza.
4. L-Artikolu 8(5) għandu japplika b'analoġija għall-azzjonijiet iffinanzjati f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Forum ta' finanzjament mill-Unjoni

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta u fir-rigward tal-ġestjoni tal-Fond tal-Irrankar tal-Artikolu 21 b'ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. L-Istrument jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, inkluż finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan l-operazzjonijiet ta' taħlit. L-operazzjonijiet ta' taħlit għandhom jitwettqu f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-Regolament (UE) 2021/523 u l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament.
2. B'deroga mill-Artikolu 193(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu, fejn rilevanti u meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' azzjoni, ikopru l-azzjonijiet li jkunu bdew qabel id-data tas-sottomissjoni tal-proposta għal dawk l-azzjonijiet, dment li dawk l-azzjonijiet ma jkunux bdew qabel l-20 ta' Marzu 2023.

Azzjonijiet eliġibbli

1. Huma biss l-azzjonijiet li jimplementaw l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 li għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.
2. L-Istrument għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet li jindirizzaw l-effetti lembut identifikati fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u l-ktajjen tal-provvista bil-ħsieb li tiġi żgurata u aċċellerata l-produzzjoni biex jiġu żgurati l-provvista effettiva u d-disponibbiltà f'waqtha tal-prodotti rilevanti tad-difiża.
3. L-azzjonijiet eliġibbli għandhom ikunu relatati ma' waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin u jkunu esklużivament relatati mal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża, inklużi l-komponenti u l-materja prima tagħhom sa fejn ikunu intiżi jew jintużaw kompletament għall-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża:
 - (a) l-ottimizzazzjoni, l-espansjoni, il-modernizzazzjoni, it-titjib jew l-adattament għal skop ġdid tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni eżistenti jew l-istabiliment ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni ġodda, b'rabta mal-prodotti rilevanti tad-difiża jew il-materja prima u l-komponenti tagħhom, sa fejn dawn tal-aħħar jintużaw bħala input dirett għall-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni jew li jitnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni tagħhom, inkluż abbażi tal-akkwist jew l-akkwizzizzjoni tal-makkinarji għodda meħtieġa u kwalunkwe input ieħor meħtieġ;
 - (b) l-istabiliment ta' sħubijiet industrijali transfruntiera, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati jew forom oħra ta' kooperazzjoni industrijali, bi sforz industrijali konġunt, inklużi l-attivitajiet li jimmiraw il-koordinazzjoni tat-tiftix ta' sorsi ta' provvista jew ir-riżerva ta' materja prima u komponenti sakemm dawn tal-aħħar jintużaw bħala input dirett għall-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni;
 - (c) il-bini u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kapaċitajiet riżervati ta' manifattura f'daqqa ta' prodotti rilevanti tad-difiża, materja prima u l-komponenti tagħhom, sa fejn dawn tal-aħħar jintużaw bħala input dirett għall-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża, f'konformità mal-volumi ta' produzzjoni ordnati jew ippjanati;
 - (d) iċ-ċertifikazzjoni tal-ittestjar u, kif xieraq, tar-rikondizzjonar tal-prodotti rilevanti tad-difiża bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-obsolexxenza tagħhom u biex ikunu jistgħu jintużaw mill-utenti finali;
 - (e) it-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid jew it-titjib tal-kompetenzi tal-persunal b'rabta mal-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) ta' dan l-Artikolu;
 - (f) it-titjeb tal-aċċess għall-finanzjament mill-operaturi ekonomiċi rilevanti attivi fil-produzzjoni jew fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża, permezz tat-tpaċija ta' kwalunkwe kost addizzjonali li jirriżulta mis-settur tal-industrija tad-difiża, għall-investimenti relatati mal-attivitajiet deskritti fil-punti (a) sa (e) ta' dan l-Artikolu.
4. L-azzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas tal-Istrument:

- (a) l-azzjonijiet relatati mal-produzzjoni ta' oġġetti jew mal-konsenja ta' servizzi li huma pprojbiti bid-dritt internazzjonali applikabbli;
 - (b) l-azzjonijiet relatati mal-produzzjoni ta' armi awtonomi letali li ma jippermettux kontroll sinifikattiv mill-bniedem tad-deċiżjonijiet tal-għażla u tal-involvement meta jsiru attakki fuq il-bnedmin;
 - (c) l-azzjonijiet jew partijiet minnhom, li diġà huma ffinanzjati kompletament minn sorsi pubbliċi jew privati oħra;
 - (d) l-azzjonijiet li jinvolvu nfiq li jirriżulta minn operazzjonijiet b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.
5. Meta tikkonkludi ftehimiet ma' riċevituri individwali, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istrument jiffinanzja biss l-attivitajiet li jibbenefikaw esklużivament il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża, jew tal-komponenti u l-materja prima tagħhom sa fejn ikunu intiżi jew jintużaw kompletament għall-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża.

Artikolu 9

Rata ta' finanzjament

1. L-Istrument għandu jiffinanzja sa 40 % tal-kostijiet eliġibbli ta' azzjoni eliġibbli.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, azzjoni għandha tkun eliġibbli għal rata ta' finanzjament miżjuda ta' 10 punti perċentwali addizzjonali għal kull wieħed mill-kriterji li ġejjin:
 - (a) meta l-applikanti juru li saret kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' kooperazzjoni transfruntiera ġdida bejn l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati, kif deskritt fl-Artikolu 10(4);
 - (b) meta l-applikanti jimpenjaw ruħhom li, għad-durata tal-azzjoni, se jipprioritizzaw l-ordnijiet li jirriżultaw mill-akkwist komuni ta' prodotti rilevanti tad-difiża minn mill-inqas tliet Stati Membri jew pajjiżi assoċjati jew mill-akkwist ta' prodotti rilevanti tad-difiża minn mill-inqas Stat Membru wieħed li jakkwista għall-fini tat-trasferiment ta' prodotti rilevanti tad-difiża lill-Ukrajna. Dan l-impenn għandu japplika għal kwalunkwe akkwist ta' kwalunkwe prodott li jibbenefika direttament jew indirettament minn appoġġ fil-qafas ta' dan l-Istrument.

B'deroga, l-appoġġ mill-Istrument jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli ta' attività msemmija fl-Artikolu 8(3), il-punt (f).
3. Ir-riċevituri għandhom juru li l-kostijiet ta' azzjoni li mhumiex koperti mill-appoġġ tal-Unjoni se jkunu koperti minn mezzi oħra ta' finanzjament.

Artikolu 10

Entitajiet eliġibbli

1. Ir-riċevituri involuti f'azzjoni għandhom ikunu entitajiet ġuridiċi, kemm jekk ikunu pubbliċi kif ukoll jekk ikunu privati, stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat.
2. L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tar-riċevituri involuti f'azzjoni li jintużaw għall-finijiet ta' azzjoni appoġġata mill-Istrument għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat għad-durata kollha ta' azzjoni, u

l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom għandhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat.

3. Impriża stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli biex tkun riċevitur involut f'azzjoni appoġġata mill-Istrument biss jekk il-garanziji approvati mill-Istat Membru jew mill-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-impriża jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-proċeduri nazzjonali tagħha, filwaqt li jiġi żgurat li l-involviment f'azzjoni ta' tali impriża ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, jew l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Il-garanziji għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet ta' azzjoni, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li:
 - (a) ir-riċevitur ikun jista' jwettaq l-azzjoni u jagħti riżultati mingħajr ebda restrizzjoni dwar l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi, ir-riżorsi, il-proprietà intellettuali jew l-għarfien espert tiegħu meħtieġa għall-finijiet tal-azzjoni, jew restrizzjoni li timmina l-ħiliet u l-istandards tiegħu meħtieġa biex titwettaq l-azzjoni;
 - (b) il-prodotti li jkunu qed jiġu prodotti minn impriżi li jkunu bbenefikaw mill-appoġġ finanzjarju tal-Istrument ma jkunux soġġetti għal restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat; u
 - (c) jiġi evitat l-aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni sensitiva jew klassifikata relatata mal-azzjoni u l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-azzjoni jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew minn pajjiż assoċjat, fejn xieraq.
4. Jekk jitqies xieraq mill-Istat Membru jew mill-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-impriża, jistgħu jiġu pprovduti garanziji addizzjonali.
5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 bi kwalunkwe impriża li titqies eliġibbli f'konformità mal-paragrafu 3.

Artikolu 11

Kriterji għall-aġġudikazzjoni

Kull proposta għandha tiġi vvalutata abbażi ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin li jkejlu l-kontribuzzjoni tal-azzjonijiet rilevanti għat-tisħiħ industrijali mfittex biex titrawwem l-effiċjenza u l-kompetittività ġenerali tal-EDTIB, fir-rigward tal-prodotti rilevanti tad-difiża:

- (1) Żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni fl-Unjoni: il-kontribuzzjoni tal-azzjoni, fir-rigward tal-prodotti rilevanti tad-difiża, għaż-żieda, l-irrankar jew ir-riżervazzjoni tal-kapaċitajiet tal-manifattura, il-modernizzazzjoni tagħhom jew it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol relatata;
- (2) Tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-konsenja: il-kontribuzzjoni tal-azzjoni għas-sodisfazzjon f'waqtu tad-domanda espressa permezz tal-akkwist pubbliku f'termini ta' tnaqqis fiż-żminijiet meħtieġa għall-konsenja, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' riprijoritizzazzjoni tal-ordnijiet;
- (3) Eliminazzjoni tal-effetti lembut fit-tiftix ta' sorsi ta' provvista u fil-produzzjoni: il-kontribuzzjoni tal-azzjoni għall-identifikazzjoni rapida u l-eliminazzjoni rapida u

dejjema ta' kwalunkwe effett lembut fit-tiftix ta' sorsi ta' provvista (materja prima u kwalunkwe input ieħor) jew fil-produzzjoni (kapaċità tal-manifattura);

- (4) Reżiljenza permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera: il-kontribuzzjoni tal-azzjoni għall-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti, li jinvolvu b'mod partikolari, b'mod sinifikanti, l-SMEs jew il-mid-caps bħala riċevituri, sottokuntratturi jew bħala impriżi oħra fil-katina tal-provvista;
- (5) Id-dimostrazzjoni mill-applikanti tar-rabta bejn l-azzjoni u l-ordnijiet ġodda li jirriżultaw mill-akkwist konġunt ta' prodotti rilevanti tad-difiża minn mill-inqas tliet Stati Membri jew pajjiżi assoċjati speċjalment jekk isiru f'qafas tal-UE;
- (6) Il-kwalità tal-pjan ta' implimentazzjoni tal-azzjoni, inkluż f'termini tal-proċessi u l-monitoraġġ tiegħu.

Artikolu 12

Programm ta' Ħidma

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat permezz ta' programm ta' ħidma uniku kif imsemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.
2. Il-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, għandha tadotta l-programm ta' ħidma msemmi fil-paragrafu 1. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).
3. Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi l-prijoritajiet ta' finanzjament f'konformità mal-immappjar imsemmi fl-Artikolu 13(1) u b'kont meħud tal-ħidma tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża.

KAPITOLU III

IDENTIFIKAZZJONI U MMAPPJAR

Artikolu 13

Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, immappjar u monitoraġġ tal-kapaċitajiet

1. Il-Kummissjoni, abbażi tal-ħidma kooperattiva mas-SEAE u l-EDA fil-kuntest tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża, għandha tistabbilixxi u żżomm immappjar tal-impriżi rilevanti stabbiliti fl-Unjoni li joperaw tul il-ktajjen tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża, inkluż pereżempju, it-tip u l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti rilevanti tad-difiża prodotti, il-kapaċità tal-produzzjoni relatata tagħhom u l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista.
Abbażi ta' dan l-immappjar, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-impriżi identifikati, timmonitorja kontinwament il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom u l-ktajjen tal-provvista tagħhom u tivvaluta l-kapaċità ġenerali tagħhom li jwieġbu għall-evoluzzjoni mistennija tad-domanda tas-suq.
2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kumitat, u tiddiskuti regolarment miegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 22, ir-riżultati tal-immappjar jew tal-aġġornament tiegħu, tal-monitoraġġ tal-ktajjen tal-provvista u tal-valutazzjoni tagħha tal-kapaċità ġenerali

tal-impriżi identifikati li jwieġbu għall-evoluzzjoni mistennija tad-domanda tas-suq. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni se tqis il-ħidma mwettqa fil-kuntest tal-laqgħat regolari tad-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti mat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża.

3. Abbażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1 u b'kont meħud tad-diskussjoni li saret skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal u taġġorna regolarment lista ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mal-kriżi tal-provvista, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(4).
4. Bi ftehim mal-Istat Membru fejn huma stabbiliti, il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi li jipprovdu prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista u b'rabta magħhom, li tirċievi, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, informazzjoni dettaljata dwar:
 - (a) il-kapaċità tal-produzzjoni totali fil-prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista rilevanti;
 - (b) il-varjazzjonijiet eżistenti u mistennija fl-istokkijiet tat-tali prodotti;
 - (c) kwalunkwe skeda eżistenti tal-output mistenni tal-produzzjoni għat-tliet xhur ta' wara għal kull faċilità ta' produzzjoni li tinsab fl-Unjoni jew xi mkien ieħor;
 - (d) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rilevanti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà f'waqtha tal-prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista.
5. Mingħajr preġudizzju għall-interessi tas-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
6. Mingħajr preġudizzju għall-interessi tas-sigurtà nazzjonali u għall-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi mill-Istati Membri, meta Stat Membru jkun beħsiebu jadotta miżuri fuq livell nazzjonali għall-akkwist, ix-xiri jew il-manifattura ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista mil-lista msemmija fil-paragrafu 3, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni fil-ħin.

KAPITOLU IV

SIGURTÀ TAL-PROVVISTA

Artikolu 14

Ordinijiet Kklassifikati Prijoritarji

1. Meta mill-inqas tliet Stati Membri, li jkunu daħlu jew qed jikkunsidraw li jidħlu fi ftehim biex jakkwistaw b'mod komuni prodotti rilevanti tad-difiża jew meta Stat Membru li jkun akkwista jew li jkun qed jikkunsidra li jakkwista għall-fini tat-trasferiment ta' prodotti rilevanti tad-difiża lill-Ukrajna, jiffaċċjaw diffikultajiet serji biex jagħmlu l-ordni jew fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt minħabba skarsezzi jew riskji serji ta' skarsezzi ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista u dawn id-diffikultajiet jistgħu jimminaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, huma jistgħu

jitolbu lill-Kummissjoni titlob lil impriża biex taċċetta, jew tipprijorizza ordni ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista ("ordni kklassifikata prijoritarja"), kif definit fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 13.

2. Fuq talba bħal din, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża kkonċernata u bi ftehim miegħu, tinnotifika lil dan tal-aħħar bl-intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata prijoritarja.

In-notifika tal-intenzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-bażi ġuridika tagħha, tispeċifika l-prodott, l-ispeċifikazzjonijiet u l-kwantitajiet ikkonċernati u l-iskeda u l-limitu ta' żmien li fih ikollha titwettaq l-ordni, u tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-ordni kklassifikata prijoritarja.

Min-notifika tal-intenzjoni, l-impriża għandha twieġeb lill-Kummissjoni, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol u tiddikjara jekk tistax taċċetta t-talba jew le. Meta l-urġenza tas-sitwazzjoni tirrikjedi dan, il-Kummissjoni tista', abbażi ta' ġustifikazzjoni ta' tali urġenza, tnaqqas l-iskadenza biex twieġeb l-impriża.

Meta l-impriża tirrifjuta t-talba, hija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni spjegazzjoni dettaljata għall-ġustifikazzjoni invokata biex tirrifjuta t-talba maħsuba.

Meta l-impriża taċċetta t-talba, l-ordni għandha titqies aċċettata skont il-kundizzjonijiet deskritti fit-talba tal-Kummissjoni f'konformità mat-tifsira tal-paragrafu 1 u l-impriża għandha tkun marbuta legalment.

3. Meta l-impriża nnotifikata tirrifjuta t-talba, l-ordni għandha titqies bħala rifjutata. B'kunsiderazzjoni xierqa għall-ġustifikazzjonijiet invokati mill-impriża, il-Kummissjoni tista', bi ftehim mal-Istat Membru ta' stabbiliment ta' dik l-impriża:

- (a) tastjeni milli tkompli bit-talba tagħha;

- (b) tadotta Att ta' Implimentazzjoni li jobbliga lill-impriżi kkonċernati jaċċettaw jew iwettqu l-ordni kklassifikata prijoritarja, bi prezz ġust u raġonevoli.

4. Il-Kummissjoni għandha tqis l-oġġezzjonijiet imqajma mill-impriża skont il-paragrafu 2 u tiddikjara r-raġunijiet għaliex, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mad-drittijiet fundamentali tal-impriża skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, kien meħtieġ li jiġi adottat fid-dawl taċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tiddikjara fl-Att ta' Implimentazzjoni l-bażi ġuridika tal-ordni kklassifikata prijoritarja, tiffissa l-limitu ta' żmien li fih għandha titwettaq l-ordni, u tistabbilixxi l-prodott, l-ispeċifikazzjonijiet, il-volum u kwalunkwe parametru ieħor li għandu jiġi osservat. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara wkoll il-penali previsti fl-Artikolu 15 għan-nonkonformità mal-obbligu.

5. Meta l-impriża tkun aċċettat it-talba tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 jew meta l-Kummissjoni tkun adottat Att ta' Implimentazzjoni skont il-paragrafu 3, l-ordni kklassifikata prijoritarja għandha:

- (a) issir bi prezz ġust u raġonevoli;

- (b) tiegħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni skont id-dritt privat jew pubbliku.

6. Meta l-impriża tkun qablet mat-talba tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 jew meta l-Kummissjoni tkun adottat Att ta' Implimentazzjoni skont il-paragrafu 3, l-impriża

tista' titlob lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-ordni kklassifikata prijoritarja meta tqis li huwa ġġustifikat kif xieraq abbażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

- (a) jekk l-impriża ma tkunx tista' twettaq l-ordni kklassifikata prijoritarja minħabba nuqqas ta' ħila tal-produzzjoni jew ta' kapaċità tal-produzzjoni, anke jekk l-ordni tingħata trattament preferenzjali;
- (b) jekk l-aċċettazzjoni tal-ordni tpoġġi piż ekonomiku mhux raġonevoli u tinvolvi tbatija partikolari għall-impriża.

L-impriża għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti u sostanzjata kollha biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-merti tal-oġġezzjonijiet imqajma.

Abbażi tal-eżami tar-raġunijiet u l-evidenza pprovduti mill-impriża, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat, temenda l-Att ta' Implimentazzjoni tagħha biex teħles lill-impriża kkonċernata mill-obbligi tagħha skont il-paragrafu 2 parzjalment jew totalment.

7. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, it-trasferimenti ta' prodotti tad-difiża kritiċi għall-provvista soġġetti għall-ordni kklassifikata prijoritarja ma jistgħux jitqiesu bħala sensitivi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2009/43/KE.
8. Meta impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal miżura ta' pajjiż terz li tinvolvi ordni kklassifikata prijoritarja, hija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinforma lill-Kumitat bl-eżistenza ta' miżuri bħal dawn.
9. Meta impriża taċċetta jew tkun obligata taċċetta u tipprijoritizza ordni kklassifikata prijoritarja f'konformità mal-paragrafi 2 jew 3, din għandha tiġi protetta minn kwalunkwe responsabbiltà kuntrattwali jew extra-kuntrattwali fir-rigward tal-konformità mal-ordnijiet ikklassifikati prijoritarji. Ir-responsabbiltà għandha tiġi eskluża biss sal-punt li l-ksur tal-obbligi kuntrattwali kien meħtieġ għall-konformità mal-prijoritizzazzjoni li nġhatat il-mandat.
10. Il-Kummissjoni għandha tadotta Att ta' Implimentazzjoni li jstabilixxi l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-funzjonament tal-ordnijiet ikklassifikati prijoritarji.
11. L-Atti ta' Implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 10 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mal-kriżi tal-provvista, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih l-Atti ta' Implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(4).

Artikolu 15

Penali

1. Meta impriża, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma tikkonformax ma' obbligu li tipprijoritizza l-ordnijiet kklassifikati prijoritarji skont l-Artikolu 14, il-Kummissjoni tista', b'deċiżjoni, fejn jitqies meħtieġ u proporzjonat, timponi pagamenti perjodiċi ta' penali.
2. Il-pagamenti perjodiċi ta' penali ma għandhomx jaqbu l-1,5 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kummerċjali preċedenti għal kull jum tax-xogħol li fih ikun hemm nuqqas ta' konformità mal-obbligu kkalkolat mid-data stabbilita fid-deċiżjoni.

3. Meta jiġi ffissat l-ammont tal-pagament perjodiku ta' penali, għandhom jitqiesu n-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-proporzjonalità u l-adegwatezza.
4. Meta l-impriża tkun issodisfat l-obbligu intiż li jiġi infurzat mill-pagament perjodiku ta' penali, il-Kummissjoni tista' tiffissa l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali f'ċifra aktar baxxa minn dik li tirriżulta bid-deċiżjoni oriġinali.
5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni bla limitu biex tirrieżamina d-deċiżjonijiet li bihom il-Kummissjoni tkun iffissat multa jew pagament perjodiku ta' penali. Hija tista' tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagament perjodiku ta' penali impost.
6. Iż-żmien għandu jibda jiddekorri mill-jum meta jitwettaq il-ksur. Madankollu, fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, iż-żmien għandu jibda jiddekorri mill-jum meta jieqaf il-ksur. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-finijiet li tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni. Kull interruzzjoni għandha tibda l-ħin mill-ġdid. Madankollu, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jiskadi mhux aktar tard mill-jum li fih ikun għadda perjodu twil id-doppju tal-perjodu ta' limitazzjoni mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet pagament perjodiku ta' penali. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż biż-żmien li matulu l-perjodu ta' limitazzjoni jiġi sospiż minħabba li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
7. Is-setgħa tal-Kummissjoni li tinforza deċiżjonijiet meħuda skont dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għal perjodu ta' limitazzjoni ta' 3 snin. Iż-żmien għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih id-deċiżjoni ssir finali. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' pagamenti perjodiċi ta' penali għandu jiġi interrott: (a) permezz ta' notifika ta' deċiżjoni li tvarja l-ammont oriġinali tal-pagament perjodiku ta' penali jew li tirrifjuta applikazzjoni għal varjazzjoni; (b) bi kwalunkwe azzjoni tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, imfassla biex tinforza l-ħlas tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penali. Kull interruzzjoni għandha tibda l-ħin mill-ġdid. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-pagamenti perjodiċi ta' penali għandu jiġi sospiż sakemm: (a) huwa permess iż-żmien għall-pagament; (b) l-infurzar tal-pagament jiġi sospiż skont deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu 16

Id-dritt li wieħed jinstema' għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti perjodiċi ta' penali

1. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 15, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża kkonċernata l-opportunità li tinstema' dwar: (a) sejbiet preliminari li tkun għamlet il-Kummissjoni, inkluż xi kwistjoni li għaliha l-Kummissjoni tkun għamlet oġġezzjonijiet; (b) miżuri li l-Kummissjoni jaf ikun beħsiebha tiegħu fid-dawl tas-sejbiet preliminari skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.
2. L-impriżi kkonċernati jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni f'limitu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha u li ma jistax ikun inqas minn 14-il jum tax-xogħol.

3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li l-impriżi kkonċernati setgħu jikkumentaw dwarhom.
4. Id-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ fi kwalunkwe proċediment. L-impriża kkonċernata għandha tkun intitolata għal aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni skont it-termini ta' divulgazzjoni nnegożjata, soġġett għall-interess leġittimu tal-impriża fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali u għal dokumenti interni tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. B'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess ma għandux jestendi għall-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddivulga u tuża l-informazzjoni meħtieġa biex tagħti prova li jkun sar ksur.

Artikolu 17

Aċċellerazzjoni tal-proċess tal-għoti tal-permessi għad-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom tal-prodotti rilevanti tad-difiża

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, il-bini u l-operazzjoni tal-faċilitajiet ta' produzzjoni, it-trasferiment intra-UE ta' inputs kif ukoll il-kwalifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti finali jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li jingħata l-aktar trattament rapidu legalment possibbli lil dawn l-applikazzjonijiet.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċess tal-ippjanar u tal-għoti tal-permessi, il-bini u l-operazzjoni ta' impjanti u installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża jingħataw prijorità meta jiġu bbilanċjati l-interessi legali fil-każ individwali.

Artikolu 18

Kontinwità tal-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw jew jinkoraġġixxu lill-kumpaniji li jaħdmu fil-qasam tal-prodotti rilevanti tad-difiża biex jużaw id-derogi previsti fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2003/88/KE sabiex jippermettu l-espansjoni tax-xiftijiet tax-xoġhol u b'hekk jiffaċilitaw il-kontinwità tal-produzzjoni fil-qasam tal-prodotti rilevanti tad-difiża, jekk iqisu li jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.
2. Għal dak l-għan u meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel, l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati kollha għandhom jiżguraw li jingħata l-aktar trattament rapidu legalment possibbli lill-applikazzjonijiet minn kumpaniji li jaħdmu fil-qasam tal-prodotti rilevanti tad-difiża biex jużaw dawn id-derogi.

Artikolu 19

Faċilitazzjoni tal-akkwist komuni matul il-kriżi attwali tal-provvista tal-munizzjon

1. Meta mill-inqas tliet Stati Membri jidħlu fi ftehim biex jakkwistaw b'mod komuni prodotti rilevanti tad-difiża u meta l-urġenza estrema li tirriżulta mill-kriżi attwali minħabba l-aggressjoni Russa tal-Ukrajna tipprevjeni l-użu ta' kwalunkwe waħda

mill-proċeduri previsti mid-Direttiva 2009/81/KE għall-għoti ta' ftehim qafas, jistgħu jiġu applikati r-regoli li ġejjin.

2. B'deroga mill-Artikolu 29(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/81/KE, awtorità kontraenti tista' timmodifika ftehim qafas eżistenti li jkun ingħata permezz ta' waħda mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/81/KE sabiex id-dispożizzjonijiet ikunu jistgħu japplikaw għall-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li oriġinarjament ma jkunux parti għall-ftehim qafas.
3. B'deroga mill-Artikolu 29(2), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2009/81/KE, awtorità kontraenti tista' tagħmel emendi sostanzjali għall-kwantitajiet stabbiliti fi ftehim qafas eżistenti sakemm dan ikun strettament meħtieġ għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2. Meta l-kwantitajiet stabbiliti fi ftehim qafas eżistenti jiġu modifikati sostanzjalment skont dan il-paragrafu, l-awtorità kontraenti għandha tiftaħ il-possibbiltà, permezz ta' avviż *ad hoc* ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għal kwalunkwe operatur ekonomiku li jissodisfa l-kundizzjonijiet inizjalment stabbiliti fil-ftehim qafas, li jissieħeb f'dak il-ftehim qafas.
4. Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għandu japplika għall-ftehimiet qafas imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 fir-rigward tal-kwantitajiet addizzjonali, u b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1.
5. L-awtoritajiet kontraenti li jkunu mmodifikaw kuntratt fil-każijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jippubblikaw avviż dwar dan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Tali avviż għandu jiġi ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/81/KE.
6. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti ma jistgħux jużaw dan l-Artikolu b'mod mhux xieraq jew b'tali mod li jimpedixxu, jirrestrinġu jew ifixklu l-kompetizzjoni.
7. Il-modifiki introdotti fil-ftehimiet qafas imsemmija f'dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu konklużi wara t-30 ta' Ġunju 2025.

Artikolu 20

Faċilitazzjoni ta' trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża

1. B'deroga mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/43/KE, it-trasferiment tal-prodotti relatati mad-difiża li ġejjin bejn l-Istati Membri ma għandux ikun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel:
 - (a) munizzjon u apparati tal-issettjar tal-fjus, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif elenkati fit-tielet kategorija tal-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE (it-tielet kategorija tal-Lista Militari tal-UE – ML3);
 - (b) missili u tagħmir u aċċessorji relatati, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif elenkati fir-raba' kategorija tal-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE (ir-raba' kategorija tal-Lista Militari tal-UE – ML4).
2. Kwalunkwe trasferiment f'konformità mad-deroga stabbilita fil-paragrafu 1 għandu jiġi nnotifikat, għall-informazzjoni, lill-Istat Membru tal-oriġini.
3. Dan l-artikolu ma jaffettwax id-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża koperti mill-paragrafu 1.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI APPLIKABBLI GĦALL-AĊĊESS GĦALL-FINANZI

Artikolu 21

Fond tal-Irrankar

1. Tista' tiġi stabbilita faċilità tat-taħlit, li għandha tiġi deskritta bħala l-“Fond tal-Irrankar” li jipproponi soluzzjonijiet tad-dejn, għall-ingranaġġ, għat-tneħħija tar-riskji u għat-tħaffif tal-investimenti meħtieġa biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-manifattura.
2. L-oġġettivi speċifiċi li jrid jilħaq il-Fond tal-Irrankar huma stabbiliti kif ġej:
 - (a) jittejjeb l-effett ta' ingranaġġ tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni u jinkiseb effett multiplikatur oġhla f'termini ta' attirar ta' finanzjament mis-settur privat;
 - (b) jingħata appoġġ lill-kumpaniji li jkunu qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament, u tiġi indirizzata l-ħtieġa li tiġi sostnuta r-reżiljenza tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni;
 - (c) jiġi aċċellerat l-investiment fil-qasam tal-manifattura ta' prodotti rilevanti tad-difiża u għall-finanzjament ta' ingranaġġ kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, filwaqt li tiżdied is-sigurtà tal-provvista għall-katina tal-valur tal-industrija tad-difiża kollha tal-Unjoni;
 - (d) jissaħħaħ l-aċċess għall-finanzjament għall-investimenti relatati mal-attivitajiet deskritti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 8(3).

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 22

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat bħala osservatur. Anke s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi mistieden biex jassisti fil-kumitat.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 23

Sigurtà tal-Infommazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippoteġi l-infommazzjoni klassifikata li tirievi fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-regoli tas-sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444²¹.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu minn sistemi ta' skambju siguri eżistenti jew stabbiliti sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' infommazzjoni sensittiva u klassifikata bejn il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, u l-Istati Membri u, fejn xieraq, mal-entitajiet legali soġġetti għall-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dik is-sistema għandha tqis ir-regolamenti nazzjonali dwar is-sigurtà tal-Istati Membri.

Artikolu 24

Kunfidenzjalità u proċessar tal-infommazzjoni

1. L-infommazzjoni riċevuta b'riżultat tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun intalbet.
2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali u professjonali u ta' infommazzjoni sensittiva u klassifikata oħra miksuba u ġġenerata bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet u l-miżuri li għandhom jittieħdu, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali rispettiva.
3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-infommazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata skont dan ir-Regolament ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.
4. Il-Kummissjoni ma għandha tikkondividi l-ebda infommazzjoni b'mod li jista' jwassal għall-identifikazzjoni ta' operatur individwali meta l-kondiviżjoni tal-infommazzjoni tirriżulta f'dannu kummerċjali potenzjali għal dan l-operatur jew f'dannu potenzjali għar-reputazzjoni tiegħu, jew fl-iżvelar ta' xi sigriet kummerċjali.

Artikolu 25

Protezzjoni tad-data personali

1. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri b'rabta mal-ipproċessar tagħhom tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, jew l-obbligi tal-Kummissjoni u, fejn xieraq, ta' istituzzjonijiet u ta' korpi oħra tal-Unjoni, b'rabta mal-ipproċessar tagħhom tad-data

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' infommazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53-88).

²² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).

²³ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37-47).

personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴, meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

2. Id-*data* personali ma għandhiex tiġi pproċessata jew ikkomunikata ħliet f'każijiet fejn dan ikun strettament neċessarju għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. F'tali każijiet, għandhom japplikaw kif xieraq il-kundizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u tar-Regolament (UE) 2018/1725.
3. Fejn l-ipproċessar tad-*data* personali ma jkunx strettament neċessarju għat-twettiq tal-mekkaniżmi stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-*data* personali għandha tiġi anonimizzata b'tali mod li s-suġġett tad-*data* ma jkunx identifikabbli.

Artikolu 26

Awditi

L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew entitajiet, inkluż minn dawk li mhumiex inkarigati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji jew mill-aġenziji tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija globali skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju. Il-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u tan-nefqa kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 287 tat-TFUE.

Artikolu 27

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Fejn pajjiż terz jipparteċipa fl-Istrument permezz ta' deċizzjoni adottata skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiż assoċjat għandu jagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-OLAF u lill-Qorti tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, tali drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jitwettqu l-investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Artikolu 28

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Dawk li jirċievu l-fondi tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-risultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż il-media u l-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Istrument, għal azzjonijiet meħuda skont l-Istrument u għar-risultati miksuba.
3. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Fond għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, diment li dawk il-prijoritajiet ikunu relatati mal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 4.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98).

4. Ir-riżorsi finanzjarji allokatati għall-Fond jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' tixrid, avvenimenti ta' tlaqqiġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari li jkunu mmirati lejn il-ftuħ ta' ktajjen tal-provvista biex titrawwem il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs.

Artikolu 29

Evalwazzjoni

1. Mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport li jevalwa l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-riżultati tagħhom, kif ukoll l-opportunità li testendi l-applikabbiltà tagħhom u tipprevedi l-finanzjament tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-kuntest tas-sigurtà. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jissejjes fuq il-konsultazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati ewlenin u għandu jiġi kkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Filwaqt li tqis ir-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti għal kwalunkwe emenda xierqa għal dan ir-Regolament, b'mod partikolari bil-ħsieb li tkompli tindirizza kwalunkwe riskju persistenti fir-rigward tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża.

Artikolu 30

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2025. Dan ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont dan ir-Regolament, l-azzjonijiet kollha meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u s-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni biex timponi penali f'konformità mal-Artikolu 15.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

- 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**
 - 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**
 - 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**
 - 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**
 - 1.4. Objettiv(i)**
 - 1.4.1. *Objettiv(i) ġenerali*
 - 1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*
 - 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*
 - 1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*
 - 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**
 - 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneġġja tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*
 - 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni, li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*
 - 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*
 - 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*
 - 1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*
 - 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**
 - 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**
- 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**
 - 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar**
 - 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**
 - 2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*
 - 2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*
 - 2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*
 - 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**
- 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**
 - 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

3.2.2. *Output stmat ifffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali*

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

3.2.3.1. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Att b' Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-politika industrijali tad-difiża tal-Unjoni

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja²⁵

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-Att jistabbilixxi sett ta' miżuri mmirati lejn it-tisħiħ b'mod urġenti tar-rispons u tal-kapaċità tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' munizzjon u ta' artillerija mill-art għall-art kif ukoll ta' missili (minn hawn 'il quddiem "prodotti rilevanti tad-difiża"), b'mod partikolari permezz ta':

- Strument li jappoġġa finanzjarjament lill-kumpaniji tad-difiża li jipproduċu prodotti rilevanti tad-difiża permezz tal-katina tal-valur.

- Immappjar u monitoraġġ kontinwu tal-prodotti rilevanti tad-difiża, tal-komponenti u tal-inputs kritiċi tagħhom, sabiex jiġu identifikati l-prodotti tad-difiża li jkunu kritiċi għall-provvista.

- Mekkaniżmi, prinċipji u regoli temporanji biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà tal-prodotti rilevanti tad-difiża għall-Istati Membri.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Mhux Applikabbli

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Riżultati mistennija: L-Istrument se jgħin biex tissaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), se jiffaċilita l-adattament tiegħu għal bidliet strutturali li għaddejjin fis-suq, u b'hekk se jikkontribwixxi għad-disponibbiltà u għall-provvista f'waqthom ta' artillerija u ta' munizzjon mill-art għall-art kif ukoll ta' missili (prodotti rilevanti tad-difiża). Fl-Unjoni jeżistu kapaċitajiet ta' manifattura fil-qasam tal-munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, kif ukoll tal-missili. Madankollu, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tfasslu għal żmien ta'

²⁵

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

paċi, b'domanda modesta, li rriżultat f'livell minimu ta' stokkijiet u fornituri diversifikati globalment biex jitnaqqsu il-kostijiet, u b'hekk is-settur tad-difiża tal-Unjoni ġie espost għal dipendenzi. B'konsegwenza ta' dan, il-kapaċità tal-manifattura attwali u l-ktajjen tal-provvista u tal-valur eżistenti ma jippermettux konsenja sigura u f'waqtha ta' prodotti tad-difiża biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kemm għar-reqwizit tas-sigurtà tagħhom stess kif ukoll biex ikomplu jappoġġaw il-ħtiġijiet Ukreni. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jiġu żblukkati għadd ta' azzjonijiet li jeħtieġ li jseħħu b'mod urġenti sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom tal-prodotti rilevanti tad-difiża għall-Istati Membri. Il-produzzjoni Ewropea diġà hija prenotata bi kważi kapaċità massima mill-ordnijiet tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi, u dan jirriżulta f'żieda fil-prezzijiet. Għalhekk, huma meħtieġa miżuri addizzjonali tal-politika industrijali tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 173(3), biex jappoġġaw lill-industrija tal-UE ħalli żżid il-produzzjoni tagħha, tnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-konsenja tagħha u tindirizza x-xkiel potenzjali li jista' jdewwem jew jimpedixxi l-provvista u l-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża.

Impatt mistenni:

Kontribuzzjoni tal-Unjoni ta' EUR 500 miljun se tippermetti li jkun hemm inċentiv xieraq għall-operaturi ekonomiċi involuti fil-manifattura tal-prodotti rilevanti tad-difiża biex jibdeu jieħdu miżuri biex jirrankaw il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom u/jew biex jiffaċilitaw l-investment tul il-katina tal-provvista. Din tikkontribwixxi biex jitnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża filwaqt li jiġi ffaċilitat l-investment biex l-industrija tkun tista' tipproduċi iktar u b'rata iktar malajr. Se tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni industrijali tal-akkwist tal-materja prima.

B'konsegwenza ta' dan, l-istrument se jrawwem il-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea involuta fil-produzzjoni ta' dawn il-prodotti. Fuq perjodu medju u fit-tul, huwa mistenni li l-investimenti addizzjonali fl-EDTIB joħlqu benefiċċji b'rabta mal-ħolqien tal-impjiegi u l-ħiliet u jtejbu s-sigurtà tal-provvista.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Meta jitqies il-perjodu qasir tal-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatti tal-Istrument se jiġu vvalutati b'evalwazzjoni retrospettiva fi tmiem l-implimentazzjoni tal-programm.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-indikaturi meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm se jiġu stabbiliti mill-entità fdata bl-implimentazzjoni tal-programm. Dawn se jinkludu:

- żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni għall-prodotti rilevanti tad-difiża fl-UE
- tnaqqis fiż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni
- għadd ta' operaturi ekonomiċi jirċievu aċċess iffaċilitat għall-finanzjament
- għadd ta' kooperazzjonijiet transfruntiera ġodda ma' impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi assoċjati

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament se jiġi implimentat b'ġestjoni diretta. Il-Kummissjoni se jeħtieġ li jkollha persunal bl-esperti xierqa sabiex timmonitorja l-implimentazzjoni b'mod effettiv.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Kif enfasizzat mill-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investment fid-Difiża u l-Approċċ Futur (JOIN/2022/24 final), għexieren ta' snin ta' nuqqas ta' investment jiġġenera diskrepanzi fil-kapaċitajiet tad-difiża disponibbli għall-forzi armati tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll diskrepanzi industrijali fl-Unjoni. Il-frammentazzjoni tad-domanda ġġenerat ukoll kompartimenti industrijali nazzjonali u għadd kbir korrispondenti ta' sistemi tad-difiża tal-istess tip, li sikwit ma jkunux interoperabbli bejniethom. Il-kuntest attwali tas-suq tad-difiża huwa kkaratterizzat b'żieda fit-theddid għas-sigurtà, u l-Istati Membri qed iżidu malajr il-baġits tad-difiża tagħhom u jimmiraw lejn xiri ta' tagħmir simili. Dan jirriżulta f'ammont ta' domanda għall-artillerija u għall-munizzjon mill-art għall-art, kif ukoll għall-missili, li tegħleb il-kapaċitajiet tal-manifattura tal-EDTIB għal tali prodotti, li attwalment huma mfassla għal żmien ta' paċi. F'dan il-kuntest, huma meħtieġa investimenti sinifikanti li għalihom il-kumpaniji tad-difiża, li normalment ma jinvolvux ruħhom f'investimenti industrijali awtofinanzjati sostanzjali, se jkollhom bżonn it-tneħħija tar-riskji, kif ukoll appoġġ regolatorju biex jitneħħew l-effetti lembut eżistenti bħall-aċċess għall-persunal bil-ħiliet u għall-materja prima. L-intervent tal-Unjoni billi jitneħħew ir-riskji tal-investimenti industrijali permezz ta' għotjiet se jippermetti adattament iktar mgħaġġel għall-bidla strutturali li għaddejjja fis-suq. Il-miżuri proposti se jħeġġu wkoll ir-reżiljenza tal-EDTIB permezz ta' sħubijiet industrijali transfruntiera u l-kollaborazzjoni ta' kumpaniji rilevanti fi sforz konġunt tal-industrija biex jiġi evitat li l-frammentazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tmur għall-agħar.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Mhux Applikabbli

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-Istrument se jikkomplementa l-istrumenti ppjanati tal-UE bħat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Att dwar l-Akkwist Komuni, u l-programmi eżistenti tal-UE bħall-Fond Ewropew għad-Difiża kif ukoll l-inizjattivi tad-difiża tal-UE bħall-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) jew il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża. Se jiġġenera wkoll sinerġiji ma' programmi oħra tal-UE.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Mhux Applikabbli

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

durata limitata

- b'effett mill-2023 sat-30/06/2025
- Impatt finanzjarju mill-2023 sal-2024 għall-appropriazzjonijiet tal-impenji u mill-2023 sal-2028 għall-appropriazzjonijiet tal-pagamenti.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)²⁶

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

L-istrument għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u fir-rigward tal-ġestjoni tal-Fond tal-Irrankar tal-Artikolu 21, l-implimentazzjoni tista' titwettaq b'ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fl-Artikolu 61(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

²⁶ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

MIZURITA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

F'konformità mal-Artikolu 29 tal-Istrument, il-Kummissjoni se tfassal rapport ta' evalwazzjoni sa mhux aktar tard mit-30/06/2024 għall-Istrument u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jevalwa l-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet fl-ambitu tal-Istrument. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-arranġamenti ta' monitoraġġ meħtieġa biex tiżgura li d-data rilevanti tinġabar b'mod affidabbli u bla xkiel.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-Kummissjoni jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Istrument. B'mod partikolari, il-Kummissjoni biġsiebha timplimenta l-Istrument b'ġestjoni diretta (ħlief għall-Fond tal-Irrankar li jista' jiġi implimentat b'ġestjoni indiretta). L-użu tal-ġestjoni diretta jiċċara r-responsabbiltajiet (l-implimentazzjoni mill-uffiċjali awtorizzanti), iqassar il-katina tat-twassil tal-ordnijiet (inaqqas iż-Żmien għall-Għoti u ż-Żmien għall-Ħlas), jevita l-kunflitti ta' interess, u jnaqqas il-kostijiet tal-implimentazzjoni (l-ebda tariffa tal-ġestjoni għal entità fdata).

Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddefinixxi l-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament bi programm ta' ħidma multiannwali wieħed. Id-definizzjoni tal-prijoritajiet jenħtieġ li tiġi appoġġata bil-ħidma tat-Task Force tal-Akkwist Konġunt għad-Difiża. Jenħtieġ li jiġi stabbilit Kumitat tal-Programm tal-Istati Membri, li l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tiġi mistiedna tipprovdi l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha bħala osservatur, u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, inkluż il-Persunal Militari tiegħu, jenħtieġ li jiġi mistieden jassisti fil-kumitat. Il-Kummissjoni tadotta l-programm ta' ħidma pluriennali wara l-opinjoni tal-kumitat fl-ambitu tal-proċedura ta' eżami.

Il-finanzjament fl-ambitu tal-Istrument se jieħu l-forma ta' għotjiet li jkopru sa 100 % tal-kostijiet tal-azzjoni, kif ukoll is-self. Il-Kummissjoni tista' tuża għażliet ta' kostijiet issimplifikati (eż. somom f'daqqa) fl-għotjiet tagħha sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u tiffoka l-isforz fuq ir-riżultati tal-azzjonijiet.

L-iskema ta' pagament se titħejja filwaqt li titqies il-proposta tal-benefiċjarju (sabiex il-benefiċjarju jkun jista' jevita kwalunkwe kwistjoni tat-teżor) filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, bħala l-awtorità awtorizzanti, tista' — f'każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni jew ta' implimentazzjoni inadegwata jew ta' dewmien tal-azzjonijiet — tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha.

L-istrateġija ta' kontroll għall-programm, inklużi l-kontrolli *ex ante* u *ex post*, se tissejjes madwar l-esperjenza miksuba fil-Fond Ewropew għad-Difiża, u l-programmi prekursori tiegħu, l-EDIDP u l-PADR.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

L-Istrument huwa maħsub biex jappoġġa l-irrankar tal-kapaċità tal-manifattura.

Ir-riskji assoċjati huma l-volum baġitarju insuffiċjenti meta mqabbel mal-ħtiġijiet reali, id-diffikultà biex jiġu identifikati l-effetti lemtut fil-produzzjoni, l-urġenza tal-ħtiġijiet mill-forzi armati tal-Unjoni meta mqabbla mal-proċessi tal-produzzjoni. Peress li l-Istrument huwa komplementari għal inizzjattivi oħra maqbula mill-Kunsill biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tal-UE u l-Ukrajna, il-koordinazzjoni tad-domanda bejn l-Istati Membri, hija prekundizzjoni.

Għalhekk, il-Kummissjoni timplimenta l-Istrument b'ġestjoni diretta abbażi tal-għarfien esperti miksub bl-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għad-Difiża, tħejji u tadotta programm ta' ħidma pluriennali wieħed biss, tqassar iż-żmien għall-għoti.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-baġit tal-programm se jiġi implimentat b'ġestjoni diretta. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni fil-ġestjoni tal-għotjiet, il-kostijiet kumplessivi tal-kontrolli tal-Istrument mill-Kummissjoni huma stmati madwar 1 % tal-fondi relatati ġestiti.

Mil-lat ta' rata/i tal-errur mistennija, l-għan hu li r-rata tal-errur tinżamm inqas mill-livell limitu ta' 2 %. Il-Kummissjoni jidhrilha li l-implimentazzjoni tal-programm b'ġestjoni diretta, b'persunal imħarreġ (tal-esperjenza u possibbilment irreklutat mill-Ministeri għad-Difiża tal-Istati Membri) u b'timijiet mġammra b'persunal biżżejjed immexxija minn uffiċjali tal-awtorizzazzjoni delegati, bl-applikazzjoni ta' regoli ċari u b'użu xieraq ta' strumenti bbażati fuq l-output, ir-rata tal-iżball tinżamm inqas mill-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) hu kompetenti biex iwettaq investigazzjonijiet dwar l-operazzjonijiet appoġġati fl-ambitu ta' din l-inizzjattiva. Il-ftehimiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, inkluż il-ftehimiet konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jipprevedu s-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni, jew minn xi rappreżentant awtorizzat minnha, u awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jew mill-OLAF, anke fuq il-post jekk ikun meħtieġ. L-uffiċjali tal-Kummissjoni bl-approvazzjoni tas-sigurtà meħtieġa, jistgħu jagħmlu wkoll żjarat fuq il-post.

IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ²⁷	mill-pajjiżi tal-EFTA ²⁸	mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali ²⁹	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
		Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
5	13.0105	Mhux Diff	IVA	LE	LE	LE
5	13.0602	Diff	IVA	LE	LE	LE

²⁷ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

²⁸ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

²⁹ Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Sorsi ta' finanzjament u impatt finanzjarju stmat tal-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

3.2.1. Sors ta' finanzjament tal-appropriazzjonijiet skont l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2023	2024	2025	2026	2027	Total
EDIRPA	157 000	83 000				240 000
Kapaċità tal-EDF:		174 000				174 000
Riċerka tal-EDF		86 000				86 000
Total	157 000	343 000				500 000

Jekk ifeġġu marġini baġitarji mhux mistennija għas-snin 2023 u 2024, il-Kummissjoni f'dak il-każ tipproni li l-awtorità baġitarja tallokahom lill-Fond Ewropew għad-Difiża sa EUR 100 miljun.

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	Sigurtà u Difiża – Raggruppament 13 Difiża
--	---	--

		2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Appropriazzjonijiet operazzjonali								
13.0602 Strument għat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża	Impenji (1)	156 000	343 000					500 000
	Pagamenti (2)		78 500	171 500	54 950	120 050	75 000	500 000

Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ³⁰									
13.0105 Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża	Impenji = Pagamenti	(3)	1 000	p.m.					
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=1+3	157 000	343 000					500 000
	Pagamenti	=2+3	1 000	78 500	171 500	54 950	120 050	74 000	500 000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani		1 554	2 500	2 500	2 158	2 158	1 801	12 671
Nefqa amministrattiva oħra		0,233	0,288	0,067	0,067	0,057	0,052	0,764
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	1 787	2 788	2 567	2 225	2 215	1 853	13 435

³⁰ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

		2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	158 787	345 788	2 567	2 225	2 215	1 853	513 435
	Pagamenti	2 787	81 288	174 067	57 175	122 265	75 853	513 435

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
--	------	------	------	------	------	-------------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani	1 554	2 500	2 500	2 158	2 158	1 801	12 671
Nefqa amministrattiva oħra	0,233	0,288	0,067	0,067	0,057	0,052	0,764
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1 787	2 788	2 567	2 225	2 215	1 853	13 435

Barra mill-INTESTATURA 7³¹ tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva							
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

TOTAL	1 787	2 788	2 567	2 225	2 215	1 853	13 435
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nfiq ieħor ta' natura amministrattiva jinfdew b'appropriazzjonijiet mid-DĠ li jkunu diġà ġew assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu riallokati fi ħdan id-DĠ flimkien, jekk ikun hemm il-bżonn, ma' kwalunkwe allokkazzjoni li jaf tingħata mid-DĠ ġestjonarju skont il-proċedura tal-allokkazzjonijiet annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

³¹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027
○ Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u persunal temporanju)						
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	8	13	13	11	11	10
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)						
○ Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)³²						
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)	2	3	3	3	3	1
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 xx yy zz ³³	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)						
01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
TOTAL	10	16	16	14	14	11

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nfiq ieħor ta' natura amministrattiva jinfdew b'appropriazzjonijiet mid-DĠ li jkunu diġà ġew assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu riallokati fi ħdan id-DĠ flimkien, jekk ikun hemm il-bżonn, ma' kwalunkwe allokazzjoni li jaf tingħata mid-DĠ ġestjonarju skont il-proċedura tal-allokazzjonijiet annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	8 FTE (8 AD) se jkunu meħtieġa biex l-Istrument jiġi stabbilit fl-2023 u biex jinbnew l-ewwel attivitajiet, inkluż l-immappjar tal-atturi ekonomiċi fil-ktajjen tal-provvista tal-prodotti rilevanti tad-difiża u t-tnejjija tal-programm ta' ħidma; 13-il FTE (10 AD u 3 AST) biex jiġu implimentati l-attivitajiet u gradwalment jitnaqqsu għal 10 (8 AD u 2 AST) fl-2028 biex jiġi żgurat il-monitoraġġ operazzjonali, finanzjarju u legali tal-implimentazzjoni tal-proġetti (inkluż l-għeluq).
Persunal estern	2 FTE biex jinbnew l-attivitajiet (2 SNE), li jżiedu għal 3 (1 AC u 2 SNE), u mbagħad fl-2028 jitnaqqsu għal 1 (1 AC) biex jiġi żgurat il-monitoraġġ operazzjonali, finanzjarju u legali tal-implimentazzjoni tal-proġetti.

³² AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

³³ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn appropriazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet mill-EDF u mill-EDIRPA, it-tnejn fl-Intestatura 5. Dettalji ulterjuri tal-linji kkonċernati u tar-riallokazzjoni annwali fit-Taqsima 3.2.1

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.
- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ³⁴	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

³⁴ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pozzizzjonijiet
deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ³⁵					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3			
Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

³⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti grossi wara tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.